# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Awissu/Settembru 2000 - Nru. 821



GOZO CATHEDRAL
PARISH CENTRE
DONATED BY fr Tony
8/05
(DATE)
GAD
113771

# MANRESA dar il-mistrieħ

L-għażla sħiħa ta' servizzi

bankarju u finanzjarji

fil-qalba tar-Rabat,

Għawdex.

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**Triq Ninu Cremona,**

**Rabat, Għawdex.**

**Tel: 558717-8-9**

**Fax: 558713**

LOMBARD BANK

**Balzan • Qormi • Sliema • San Ġiljan**
**Valletta • Rabat, Għawdex**



# f' din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 mit sena ilu – Il-pagi tal-Kirurgu u tat-Tabib • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista: Manresa - Dar il-Mistrieħ f'Għawdex • 12
Ħidma mal-Professjonisti - Esperjenza ta' Sena • 16
Il-Papa Piju IX- Beatu • 18
25 Sena mill-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta tal-Katidral t'Għawdex • 20
Żgħażagħ għal Kristu • 22
X'jaħsbu l-qarrejja tagħna dwar ir-rivista • 23
Il-Knisja - Binja t'Alla • 24
Dun Ġorġ Preca Appostlu tal-Bibbja • 26
Il-Ġublew : X'sar s'issa • 27
Il-Jeddijiet tal-Bniedem Matul iż-Żmenijiet (II) • 28
Il-Folklor tal-Festa ta' Santa Marija • 30
Wirt gżiritna: Ir-Rumani (II) • 34
Int u saħħtek- L-Użu ta' l-Alcohol fost iż-Żgħażagħ • 36
Bookmark • 39
Għawdex Sportiv • 40
Mid-Dinja Teknoloġika • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 821**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**
**e-mail: lumenchristi@gozodirect.com**
**homepage:**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament : Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press"***
***Għajnsielem, Għawdex***
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fl-14 ta' Awissu 2000.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


**Ritratt tal-Qoxra:**

Il-ġnien sabiħ ta' Dar Manresa -dar il-mistrieħ f'Għawdex

# EDITORJAL



## X'inhi l-Knisja għalik?

*Tiskanta kemm il-poplu tagħna, poplu nisrani li jagħmel tant festi kbar, iħobb il-knejjes u l-liturġija u fuq kollox tant jagħti karita, iżda għadu ma jafx x'inhi l-Knisja. Tiskanta bil-ħmerijiet li jitlissnu saħansitra minn min jippretendi u suppost jaf ħafna. Għalhekk illum ser inġib għall-konsiderazzjoni tal-qarrejja tagħna ftit punti essenzjali fid-duttrina biex inqanqal riflessjonijiet u nqajjem kuxjenza dwar dak li qed jingħad u li jidher qed jinkwieta mhux ftit lir-ragħajja spiritwali tagħna.*

*Il-Knisja mhix "partit politiku". Għalhekk ma tistax issemmi demokrazija jew politika fiha. Min jaqbel mat-tagħlim ta' Kristu ikun politiku favur il-Knisja. Min ma jaċċettax dak li permezz tal-Knisja, Kristu irid jgħallimna u jridna nemmnu u nagħmlu, mhux favur il-Knisja. Dan, ikun min ikun, kemm politiku u kemm mhux. Anzi l-Knisja tħeġġeġ lin-nies tal-politika biex isegwu dak li tgħallem f'isem il-Mulej.*

*Il-ħidmiet tal-Knisja huma diversi: soċjali, edukattivi, kulturali,eċċ. Imma l-ewwel tiġi l-ħidma spiritwali. "Għallmu u għammdu" qal Ġesu, lill-appostli. Ix-xogħol ewlieni tal-Knisja huwa t-tagħlim u t-tqaddis tal-poplu biex permezz tas-sagramenti jsibu t-triq lejn Kristu s-Salvatur. Kull ħidma oħra li twassal għat-tagħlim u għat-tqaddis tal-popli hija tajba. Għalhekk jiġu l-opri soċjali, ħidma ta' karita`, direzzjoni tal-poplu, skejjel tal-Knisja, opri missjunarji, organiżżazzjonijiet filantropiċi ta' kull xorta.*

*Wisq importanti wkoll nifhmu li l-Knisja mhix tal-Papa jew ta' l-Isqof biss. Dawk imexxuna. Kull min hu mgħammed għandu post u responsabilita` fil-Knisja. Kulħadd skond il-ħila tiegħu u ċ-ċirkostanzi li jgħix fihom. Hemm bżonn tinqata' d-drawwa arroganti li f'affarijiet essenzjali kulħadd jippretendi li jifhem anke fejn tidħol duttrina u morali tal-Knisja. Nifhmu li anki f'punti ta' diskussjoni, l-isqfijiet barra mid-dritt ta' l-opinjoni, għandhom ir-responsabilita` li jiddeċiedu fl-interess tal-ġid spiritwali tal-poplu t'Alla afdat f'idejhom.*

*Nawguraw li meta nitkellmu fuq il-Knisja ta' Kristu nużaw iktar rispett lejn it-tagħlim tagħha u l-ministri li Alla għażel biex imexxuha.*




Sem. Joseph Sultana

## FESTA TAL-QALB TA' ĠESU` FL-ISPTAR ĠENERALI

Nhar il-Ħadd 4 ta'Ġunju Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-kappella tal-Isptar Ġenerali fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesu`. F'din il-quddiesa ħadu sehem il-kappillani ta' l-isptar flimkien ma'xi wħud mill-pazjenti akkumpanjati min-*nurses*. Wara l-quddiesa saret purċissjoni b'Ġesu` Sagramentat li ntemmet bil-barka sagramentali.

## MITT SENA MILL-MIĠJA TAL-FRANĠISKANI MINURI

Nhar it-Tlieta 6 ta'Ġunju Mons. Isqof ippresieda Akkademja mużiko-letterarja li nżammet fil-Knisja ta'Sant Antnin, l-Imġarr, biex tfakkar il-miġja tal-Patrijiet Osservanti f'Għawdex. Saru diskorsi minn Patri Provinċjal Bernard Bartolo, Patri George Aquilina, storiku tal-Ordni, u Mons. Isqof Nikol G. Cauchi. Għal din l-okkażżjoni ġie mqassam il-ktieb ta' Patri George Aquilina dwar il-Franġiskani Minuri f'Għawdex.

## ĠUBLEW TAL-FIDDA TAS-SAĊERDOZJU

Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju, Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni ta' ringrazzjament 'l Alla fil-knisja tal-Fontana fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda ta' Dun Salv Tabone, ċeremonjier djoċesan. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof għamel talba ta' ringrazzjament l'Alla għar-rigal tas-saċerdozju. Is-sitt saċerdoti l-oħra li ċċelebraw il-Ġublew tal-Fidda tas-saċerdozju tagħhom huma Dun Joe Bezzina (Katidral), Dun Manwel Cutajar (San Lawrenz), Mons Coronato Grima (San Ġorġ), Dun Ġwann Mizzi (Xewkija), Dun Salv Tabone (Fontana) Dun Salv Vella (Xewkija), Dun Marjan Żammit (Xewkija).

## ŻJARA TAL-KARDINAL CASTRILLON HOYAS DARIO F'GĦAWDEX

Għall-okkażjoni tal-Festa tal-Qalb ta'Gesu` li ġiet iċċelebrata fil-parroċċa tal-Fontana u bħala parti mill-programm tal-Ġublew ġie mistieden il-Kardinal Castrillon Hoyas Dario, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kleru. Nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju, il-Kardinal mexxa konċelebrazzjoni solenni u wara l-purċissjoni b'Ġesu` Ewkaristija mat-toroq tal-Fontana li ntemmet b'barka sagramentali. Fl-istess jum saret adorazzjoni sagramentali għas-saċerdoti li fiha saru riflessjonijiet mill-kappillan tal-parroċċa Kan. George Bezzina, Mons. Isqof Nikol Cauchi u l-Kardinal Castrillon Hoyas Dario.



## ORDINAZZJONI TA' PRESBITERI U DJAKNI

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju saret l-ordinazzjoni tal-presbiteri u djakni fil-Katidral. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof ħeġġeġ lill-ordinandi l-ġodda biex jgħixu l-vokazzjoni tagħhom b'fedelta' lejn Alla, lejn il-knisja u lejn l-oħrajn speċjalment lejn dawk li huma mwarrba mis-soċjeta`. Is-saċerdoti huma Dun Joseph Grima (Xewkija), Dun Joseph Farrugia (Għarb), Dun Ruben Micallef (Kerċem). Id-Djakni huma Rev. Joseph

Cardona( Nadur), Rev. Jesmond Gauci (Xagħra), Rev. Roberto Gauci (Kerċem), Rev. Joseph Grech (Nadur), Rev. Anthony Mario Saliba (Katidral), Rev. Joseph Sultana (Xagħra).

## GĦOTJIET TA' KARITA`



Nhar it-tnejn 10 ta' Lulju, bħas-snin l-imgħoddija Mons. Isqof mexxa konċelebrzzjoni fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb li għaliha kienu mistiedna s-saċerdoti, r-reliġjuzi u l-lajċi li jwettqu ħidma ta'promozzjoni umana fid-djoċesi. Mons. Isqof irringrazzja lil dawk preżenti għall-ħidma siewja tagħhom u qassam is-somma ta' £M6500 li nġabru f'Jum il-Karita`. L-għotjiet ta' karita` ngħataw lil Lourdes Home, Dar Ġuzeppa Debono, Dar ta' San Ġuzepp, Fundazzjoni Arka, Għaqda Għawdxija Persuni b'Diżabilita`, Little Flower Play School, Moviment ta' Kana f'Għawdex, Dar tal-Providenza f'Malta, Għaqda ta'dawk Nieqsa mis-Smiegħ, Dar tal-Kleru Għawdex, Tobit (San Lawrenz), O.A.S.I. , Sorijiet Karmelitani, M.A.S., Kummissjoni Refuġjati f'Malta.

## FESTA TA' OMMNA MARIJA TA' PINU

Nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju, fis-Santwarju ta' Pinu ġiet iċċelebrata l-festa ta'Ommna Marija fit-tifkira tas-sejħa tagħha lix-xbejba Carmela Grima. Filgħodu saret konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Isqof Awżiljarju ta' Malta, Mons. Annetto Depasquale u filgħaxija Mons. Isqof Nikol G. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni. Numru kbir ta'pellegrini żaru s-santwarju f'dan il-jum.

## RAPPREŻENTAZZJONI FIX-XEWKIJA

"It-Twelid ta' San Ġwann Battista" huwa l-isem tar-rappreżentazzjoni miktuba minn Mons. Isqof Nikol Cauchi. Din ir-rapreżentazzjoni mtellgħa miż-żgħażagħ tal-parroċċa bħala parti mill-programm tal-festa u l-Ġublew saret nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju fil-preżenza ta' Mons. Isqof u mistednin oħra.

## ORATORJU PAWLU TA'MALTA FIN-NADUR

Għall-okkażjoni tal-festa parrokjali tal-Appostli San Pietru u San Pawl u l-Ġublew il-Kbir ġie mtellgħa l-Oratorju "Pawlu ta'Malta", versi tal-Prof. Oliver Friggieri u mużika ta' Maestro Charles Camilleri fil-preżenza ta' Mons. Isqof u mistednin oħra.

## LAQGĦA TAS-SAĊERDOTI IMSEFRIN

Bħal kull sena Mons. Isqof jieħu l-opportunita` taż-żjara tas-saċerdoti msefrin f'Għawdex biex jiltaqa' magħhom. Il-laqgħa saret nhar is-Sibt 8 ta'Lulju fis-sala tas-Seminarju.

## ŻGĦAŻAGĦ FEST

Bħala parti minn programm ta'attivitajiet li saru għaż-żgħażagħ tal-parroċċa tan-Nadur ġiet imbierka kappella ġdida fiċ-Ċentru u wirja mtellgħa miż-żgħażagħ. It-tberik sar nhar it-Tnejn 17 ta'Lulju, Mons. Isqof għalaq "iż-Żgħażagħ Fest" b'quddiesa li ġiet iċċelebrata nhar l-Ħamis 20 ta' Lulju.

## MANIFESTAZZJONI MARJANA

Nhar it-Tlieta 18 ta'Lulju f'Marsalforn nżammet il-Manifestazzjoni Marjana Djoċesana favur Ambjent Moralment Nadif. Il-Manifestazzjoni bdiet b'korteo ta' talb għall-port ta'Marsalforn fejn saret quddiesa konċelebrata minn Mons Isqof. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof wera d-dispjaċir tiegħu għal dak kollu li qiegħed iċajpar it-tajjeb li tagħmel il-Knisja f'pajjiżna, għall-indiċenza fl-ilbies li tidher fix-xhur tas-Sajf, għall-atteġjamenti li huma ta'skandlu u ħsara għall-poplu. Huwa għamel sejħa lil dawk preżenti biex ikunu appostli ta' Kristu fl-ambjenti kollha tal-ħajja.

## KONSAGRAZZJONI TA'ARTAL ĠDID FIL-KNISJA PARROKJALI TAL-QALA

Nhar is-Sibt 22 ta'Lulju Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni solenni flimkien ma numru sabiħ ta'saċerdoti fil-knisja parrokkjali ta'San Ġuzepp li fiha ġie kkonsagrat l-artal mejda ġdid li nħadem mis-Sur Ronald Pisani.

## KAPITLU ĠENERALI

Nhar is-Sibt 22 ta' Lulju Mons. Isqof attenda għall-għeluq tal-Kapitlu Ġenerali tas-Sorijiet Franġiskani li sar fid-dar tagħhom ġewwa Marsalforn.

## ANNIVERSARJU TAL-MEWT TAL-VENERABBLI DUN ĠORĠ PRECA

Nhar l-Erbgħa 26 ta'Lulju fil-Katidral saret konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Isqof li fiha ġie mfakkar l-anniversarju tal-mewt tal-Venerabbli Dun Ġorġ Preca.



# X'ġara dan l-aħħar

Lelio Spiteri

## Wirt Arkeoloġiku

Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju, il-President ta' Malta, l-E.T. il-Profs Guido de Marco fetaħ uffiċjalment wirja ta' valur arkeoloġiku f'waħda mis-swali tal-wirjiet, Pjazza San Franġisk, Victoria. L-isem tal-wirja kien *Toroq Qodma u Ġodda: mill-Greċja għal Ġela u għal Għawdex.* Fil-wirja wieħed seta' jara selezzjoni varjata ta' fdalijiet arkeoloġiċi misjuba fuq xini tal-merkanzija Grieg, mibni fl-ewwel nofs tas-seklu ħamsa qabel Kristu u fdalijiet oħra mill-kollezzjoni Navarra tal-Mużew Arkeoloġiku ta' Ġela. Preżenti għaċ-ċeremonja ta' l-inawgurazzjoni kien hemm il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, l-ispeaker tal-Parlament Anton Tabone u Pros. Salvatore Marinello, *Assessore Reġionale per I beni Culturali, Ambientali e Publica Istruzione.*



## Wirja ta' arti



Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju, l-Ministru għal Għawdex inawgurat wirja ta' xogħlijiet imtella minn dawk il-persuni, studenti u oħrajn ta' ċerta eta`, li jattendu l-iskola ta' l-arti Wistin Camilleri f'Għajnsielem. Għall-wirja li ttellgħet f'waħda mis-swali ta' l-esebizzjonijiet ġewwa Victoria, wieħed seta' jifli xogħolijiet ta' bizzilla, filigranu, pittura, skultura fl-injam u fuħħar u tafal, kollu xogħol ta' l-istudenti li jattendu din l-iskola. Il-kap ta' l-iskola msemmija, is-Sur Joseph Buttigieg dawwar lill-Ministru għal Għawdex ma' l-esebizzjoni.

## Kontra id-Droga

Il-jum kontra id-droga kif magħżul min-Nazzjonijiet Magħquda ġie mfakkar mill-Fondazzjoni OASI s-Sibt 24 ta' Ġunju fil-bini ta' l-Universita` ta' Malta fix-Xewkija. Matul is-serata, preseduta mill-Onor. Anton Tabone, l-ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, ġie



ippreżentat studju intitolat *Young People in Gozo - a study*, riċerka xjentifika dwar iż-żgħażagħ Għawdxin. Is-Sur Mark Camilleri tkellem dwar l-attivitajiet ta' l-OASI. Dr. A.E. Azzopardi spjega t-tifsira soċjali u l-valur ta' riċerka professjonali u xjentifika. Dun Manwel Cordina tkellem dwar il-kontribut tassew siewi li jagħtu l-voluntiera f'għaqdiet non-governativi, fosthom l-OASI. Ġew preżentati tifkiriet lil studenti minn skejjel sekondarji li ħadu sehem f'kompetizzjoni mnedija mill-fondazzjoni u lil tmien persuni li taw kontribut siewi f'ħidmiet il-fondazzjoni. L-Onor. Tabone faħħar ix-xogħol li qed twettaq il-Fondazzjoni OASI b'risq il-komunita` in ġenerali.

**Oratorji**



Fost attivitajiet għall-Imnarja, il-Kunsill Lokali tan-Nadur flimkien mal-Kapitlu Kolleġjata ta' San Pietru u San Pawl preżenta l-oratorju *Pawlu ta' Malta* fil-knisja tan-Nadur nhar it-Tnejn 26 ta' Ġunju, kliem Oliver Friggieri u mużika ta' Charles Camilleri. Ħadu sehem fost l-oħrajn il-Kor ta' San Giljan u l-orkestra. Mro Dun Gwann Galea kien direttur Mużikali. Oratorju ieħor sar it-Tlieta l-1 ta' Awwissu fil-Misraħ ewlieni tal-Qala bl-isem *Ġużeppi ta' Nazaret*. Dan ġie mtella' mill-Komunita` Parrokkjali tal-Qala fl-okkażjoni tas-Sena tal-Ġublew. Il-mużika hija ta' Colin Attard u kliem ta' Mons Isqof Nikol G. Cauchi. Barra s-solisti, ħadu sehem il-Kor Gaulitanus u l-Orkestra Nazzjonali.

**Premju Ġieħ in-Nadur**

Għat-tielet sena konsekuttiva, il-kumitat tal-għażla *Ġieħ in-Nadur* nieda għal darba oħra dan il-premju li din is-sena ġie mogħti lil Dun Karm Attard, missjunarju Naduri. Dun Karm ilu għal dawn l-aħħar ħamsa u sittin sena jaħdem fl-art tal-missjoni ġewwa l-Indja, taħt il-muntanji tal-



Himalayas. Dan il-premju ingħata waqt kunċert mużikali mill-Banda Mnarja fi pjazza Arċipriet Dun Martin Camilleri. L-ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti ppreżenta t-trofej lil Dun Karm, is-Sindku Dr. Chris Said tah *is-shield,* l-Arċipriet Mons. Salv Muscat preżentalu ċertifikat u Dun Duminku Camilleri libbislu il-medalja.

**Approvazzjoni ta' Proġett**

Il-Kabinett tal-Gvern approva proġett kapitali tal-gvern għal Għawdex. Dan se jkun il-bini ta' ċentru komunali, li jkun jinkludi fost affarijiet oħra parkeġġ taħt l-art sabiex tiġi solvuta l-problema ta'



l-ipparkjar fiċ-ċentru tar-Rabat. Dan mistenni li jsir bi sħubija bejn il-gvern u l-privat. Dan iċ-ċentru ser jinbena fil-post fejn illum hemm il-*bus terminus*, il-*playing field*, il-*parking* u l-grawnd tal-futbol u ser jinkludi parkeġġ fuq diversi livelli, grawnd ġdid tal-futbol, ħwienet u uffiċċji, il-Qorti t'Għawdex, l-monti. Diskussjonjiet oħra kienu dwar Għawdex u l-Unjoni Ewropea, ħolqien ta' impjiegi għall-ħaddiema Għawdxin f'Għawdex u għajnuna lir-*Respite Centre* li nbena f'Għajnsielem. Ġie diskuss ukoll memorandum dwar hidmet il-Ministeru għal Għawdex. Il-laqgħa saret il-Ħamis 20 ta' Lulju fil-Ministeru għal Għawdex.

**Inawgurazzjoni ta' Banda Ġdida.**

It-Tnejn 31 ta' Lulju saret l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-Għaqda Mużikali *Ite Ad Joseph* tal-Qala. Din iċ-ċeremonja saret fi Pjazza San Ġużepp taħt il-patroċinju tal-President tar-Repubblika ta' Malta l-E.T. il-Profs. Guido de Marco. Il-banda *Ite Ad Joseph*, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Michel Refalo, esegwiet diversi xogħolijiet mużikali filwaqt li saru diskorsi minn membri tal-Kumitat ta' din l-Għaqda Mużikali, messaġġ mill-WR Arċipriet Dun Karm Refalo u diskors mill-Onor. Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. L-għeluq sar mill-President tar-Repubblika.

**Riflessi Sajfin**

Is-Sibt 12 ta' Awissu nżamm kunċert fil-beraħ organizzat minn GOAZ, grupp ta' żgħażagħ fi ħdan il-fundazzjoni OASI bil-għan li toffri divertiment san għall-familja kollha, biex tippromwovi talent lokali u barrani u biex l-OASI twassal il-messaġġ tagħha ta' prevenżjoni u kura mill-vizzji. Fost dawk li ħadu sehem, kien hemm il-Yada Dancers, Mill Room Studio, Adelina Attard, Domenic Grech, Pamela Bezzina, Claudette Pace u Marbeck Spiteri. Il-kunċert kien preżentat minn John Bundy.

Glidden

FOR BEST PAINTS

Available in 7000 colours

**Glidden Contract Matt**
For Interior Walls (15 colours)
**Glidden Vinyl Matt**
For Interior Walls
**Glidden Masonary**
For Exterior Walls
**Glidden Gloss**
For Interior / Exterior Wood & Metal

J & C Sultana (Ta' Ġamri)
Triq L-Imrejżbiet,
Għajnsielem, Gozo.
Tel: 55 15 78
Mob: 0942 2341/0944 3550

Il-*"Colour Separations"* ta' din ir-rivista
ġew preparati minn:

Scanning | Colour Separations
Image Manipulation | Artwork
Production | Magazines | Design

Scerri Reprographic Studio
Victoria | Gozo

52, Palm Street,
Victoria,
Gozo - VCT 103,
Malta.
Tel/Fax: (+356) 561488
(+356) 553654

A Division of Scerri Photo Studio

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 87

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2000

# IL-PAGI TAL-KIRURGU U TAT-TABIB

Is-sebgħa u tmenin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar il-pagi li l-Universitas kienet toħroġ għall-kirurgu li jagħmel l-operazzjonijiet u għat-tabib. Ta' l-ewwel tinsab reġistrata nhar il-15 ta' Awwissu, 1700, u tat-tieni nhar il-31 ta' Awwissu, 1700 — tliet mit sena ilu. Tinsab reġistrata fit-tmien volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1699–1700), folju 30v (NAG, UG, Acta, 8/1699-1700, f. 230r).

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

*Michele Hagius, tesoriero di quest'Università del Gozo pagarete:*

*a Giuseppe Cassar chirurgo scudi sedici e tarì otto di moneta se gli devino per suo salario di mesi quattro incominciati il 1° maggio prossimo passato da finirsi l'ultimo instante a ragione di scudi cinquanto l'anno gli da detta Università per suo tratenimento di che tirando vostra cautela ponerete a nostri conti li 15 agosto 1700.*

*al Signor Dottor Fisico Giuseppe Gauci scudi quaranta sei e tarì otto di moneta se gli devino per suo salario di mesi quattro incominciati al primo maggio prossimo passato e finiti hoggi l'ultimo instante a ragione di scudi cento quaranta l'anno gli da detta Università per suo trattentimento di che tirando vostra cautela ponerete a nostri conti li 31 agosto 1700.*

Jirriżulta minn dawn iż-żewġ dokumenti li l-Universitas ta' Għawdex kellha għad-dispożizzjoni tagħha kirurgu biex jagħmel l-operazzjonijiet, u tabib biex jara l-morda. Qegħdin nippubblikaw flimkien dawn id-dokumenti għax joħroġ ċar u hi ħaġa ovvja li t-tabib kellu iktar xogħol mill-kirurgu. Dak iż-żmien l-operazzjonijiet kienu ħaġa rari, iżda xi ftit kienu jsiru wkoll. Il-kirurgu kien Gieuppe Cassar u t-tabib Giuseppe Gauci.

Tliet mit sena ilu, Għawdex kien hawn biss l-Isptar San Ġiljan, sptar żgħir għan-nisa fiċ-Ċittadella. In-nisa kienu qisu jiġu operati hemm ġew. L-irġiel li jimirdu serjament kien ikollhom jibqgħu d-dar għax sptar għall-irġiel ma kienx hawn. Imsieken dawk li jimirdu u ma kienx ikollhom min jieħu ħsiebhom. Ma nafux fejn kienu jiġu operati dawn, iżda aktarx li l-operazzjonijiet kienu jsirulhom f'xi kamra-infermerija li l-kirurgu kellu ma' daru.

Il-kirurgu Cassar kellu ħamsin skut fis-sena ta' l-operazzjonijiet li kienu jagħmel. Permess ta' dan id-dokument kien qiegħed isirlu l-ħlas ta' erba' xhur, mill-1 ta' Mejju sa' l-aħħar ta' Awwissu, ħlas li kien jammonta għal terz preċiż, 16-il skut u tmint irbiegħi. Il-ħlas kien qiegħed jingħatalu ħmistax qabel ma kien imiss, nhar il-15 ta' Awwissu.

It-tabib Gauci kellu wisq iktar: kien idaħħal paga ta' 140 skut fis-sena. Terz tal-ħlas, minn Mejju sa l-aħħar ta' Awwissu kien għalhekk jammonta għal 46 skut u tmint irbiegħi. It-tabib, naturalment kien imur iżur il-pazjenti fid-djar tagħhom. Kien ikellu jikri xi calesse biex iwasslu jew iżomm żiemel bir-serkin jew xi ħmar bil-karettun. L-ispejjes kienu jkunu ikbar.

Wieħed ma jistax jeskludi li barra dawn il-ħlasijiet uffiċjali, il-familjari tal-morda kienu wkoll inewlu xi rigal żgħir lill-kirurgu u lit-tabib. Għal dak iż-żmien it-tnejn kellhom paga tajba ħafna.






**"CATCHING THEM YOUNG"!**

Skond rapport li deher fil-*Times* (4.8.00 - p.22), fis-sena skolastika li għaddiet biss 24 tifla taħt is-sittax ma marritx skola għax ħarġet tqila.

Peress li ħafna bniet bdew jiżviluppaw sesswalment sa mill-eta' ta' Form 1 u għad fadal ħafna injoranza dwar mard li jittieħed sesswalment, kif ukoll minħabba l-biża' tan-numru dejjem jikber ta' tqala f'etajiet baxxi, skola sekondarja tal-bniet f'Malta ħasset il-bżonn li l-edukazzjoni sesswali fl-iskola tibda tingħata lill-bniet sa mill-Form 1. Il-programm edukattiv jismu *"sexual health and hygiene"*. L-għan ta' dan l-isforz pedagoġiku hu biex jgħinu lill-bniet *"become aware of consequences of not being careful"*.

Meta qabel xi qassis kien jiġbed l-attenzjoni fuq il-konsegwenzi ta' l-abbuż sesswali, fosthom it-tqala, kienu jidħku bih u jgħidu li għadu moħħu magħluq. Issa qed iħossu l-bżonn li jgħidu lill-istudenti - u kellhom bżonn jgħiduha mhux biss lill-bniet imma wkoll lis-subien! - li l-użu ħażin tas-sess jista' jkollu konsegwenzi koroh. Is-soltu jgħidu li l-Knisja tasal tard!

Il-programm edukattiv fih ħafna tagħrif interessanti, u hu mogħti skond l-etajiet. Il-problema li tinkwetana hi li fejn jidħol is-sess qed jippruvaw ineħħu għal kollox ir-reliġjon: *"Although the subject matter will be treated from the medical point of view, and not the religious, the transmission of values is a strong element of the sessions."*

Għal liema valuri qed jirreferu? Huma l-istess valuri li ilha tippriedka l-Knisja għal sekli sħaħ? Dawn il-"valuri" fuq liema pedament ser jinbnew? Għal liema "awtorita' morali" ser jirreferu? "Min" ser jgħid lil dawn l-istudenti x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin? Possibbli dak li hu reliġjuż f'dan il-qasam tal-formazzjoni tal-persuna hu hekk perikoluż għall-formazzjoni ta' l-istudenti? Nittama li mhux qed jillimitaw ir-reliġjuż għal-lingwaġġ tad-dnubiet biss. (Mhux għax kieku jsemmulhom id-dnub ser jagħmlu xi ħaġa ħażina!) Kemm ikollna idea fqira tar-reliġjon jekk naħsbu hekk! Forsi din waħda mill-*"myths and misconceptions"* li jeħtieġ ineħħu mill-moħħ ta' diversi edukaturi.

Fil-kors formattiv, minn Form 3 'il fuq jibdew ikellmuhom, fost oħrajn, dwar il-kontraċezzjoni. Nittama li dan ma jfissirx li jispjegawlhom biss liema kontraċettiv jistgħu jużaw biex ma jinqabdux! Qatt ħasbu biex f'dawn il-korsijiet jistiednu lil xi ħadd minn ta' Kana? Jew ta' Kana għadha ma ħassitx din il-ħtieġa?

Jekk l-edukaturi jridu jieħdu bis-serjeta' l-edukazzjoni sesswali u jgħinu lill-istudenti mhux biss biex jevitaw il-konsegwenzi imma wkoll biex jifhmu aktar u japprezzaw il-kobor, is-sbuħija u r-responsabilta' tas-sesswalita', iridu jifirxu l-isforzi tagħhom 'il barra mill-ħitan ta' l-iskola. Jistgħu jagħmlu pressjoni soċjali biex l-istudenti u t-tfal ma jkollhomx aċċess għall-pornografija li hemm fuq l-internet; jistgħu joħolqu mentalita' u pressjoni soċjali biex l-industrija tad-divertiment u l-kummerċ marbut magħha ma jkissrux dak li tibni l-iskola; jistgħu joħolqu pressjoni soċjali flimkien mal-ġenituri biex barra l-bibien ta' l-iskola sekondarja ma jkunx hemm *pubs* miftuħin mis-7.30 ta' filgħodu (kif għandna f'Għawdex), fejn studenti għandhom aċċess għall-alkoħol u fejn ġuvintur u rġiel miżżewġa jmorru jħufu; jistgħu jieħdu in konsiderazzjoni l-possibilta' li studenti żgħar, bħal dawk tal-forms 1 u 2, ma jkunux fl-istess ambjent skolastiku ma' dawk tal-form 5; jistgħu joħolqu okkażjonijiet fejn studenti ta' l-istess eta' taż-żewġ sessi jkollhom xi forma ta' lezzjonijiet flimkien għal suġġetti extra-kurrikulari.

Jew dan kollu ma jagħmilx parti mill-edukazzjoni inklussiva?

**IL-PROBLEMA TAX-XORB ALKOĦOLIKU**

Dan l-aħħar qed tidher korrispondenza mhux ħażin dwar il-problema tax-xorb alkoħoliku, mhux biss fil-konfront tal-kbar imma wkoll taż-żgħażagħ u taż-żgħar. F'Għawdex din il-problema tinħass sew, anke fost dawk li huma taħt l-eta'. Dawn għandhom aċċess għax-xorb alkoħoliku daqs kemm għandhom għas-soft drinks. Milli jidher, mhux dawk kollha mgħobbija bil-piż tar-responsabilta' qed jagħmlu dmirhom. Sfortunatament, fost ħafna ġenituri hemm il-mentalita' li sakemm it-tifel jew tifla tiegħi ma jiġrilhom xejn allura dawn mhuma jagħmlu xejn ħażin. Li diversi żgħażagħ ta' tmintax u inqas jonfqu għaxar liri u aktar f'*weekend* fuq xorb alkoħoliku donnu saret normalita'. Jonqos biss li l-ġenituri jħallsulhom huma wkoll għax-xorb! X'ma jmorrux jaħdmu fis-sajf l-istudenti tagħna!



## IL-ĠGANTIJA

Tlesta x-xogħol fuq il-*Hypogeum* wara tant snin. Wirt imprezzabbli ta' pajjiżna li jixraq napprezzawh aktar. Meta ser jibda x-xogħol fuq il-Ġgantija? Jew qed nistennew li jaqa' l-ġebel? Il-ġganta li tiekol il-ful ma terġax tiġi biex tibnih!

## STAZZJON TELEVIŻIV TAL-KNISJA?

Wara s-suċċess li għamlet bl-istazzjon tar-radju R.T.K., tqanqlet diversi drabi l-mistoqsija jekk il-Knisja f'Malta għandux ikollha wkoll stazzjon televiżiv tagħha. Qrajt b'interess l-opinjonijiet differenti li taw żewġ saċerdoti fi IL-ĠENS (4.8.00 - p.3), u naħseb jien ukoll li jkun aktar jaqbel għall-Knisja f'pajjiżna li tipproduċi programmi serji li jitwasslu fuq stazzjonijiet diġa' stabbiliti milli li jkollha stazzjon tagħha. L-ispejjeż u r-riskji huma kbar. U forsi hu wkoll veru li hemm bżonnijiet pastorali li huma aktar urġenti minn stazzjon televiżiv. Wieħed mis-saċerdoti stqarr li għalih problema tal-flus ma teżistix għax jaf mnejn jistgħu jinkisbu. Nistagħġeb kif għandu din il-faċilita' kollha li jakkwista l-eluf ta' flus meħtieġa, għax il-Knisja f'Malta (u f'Għawdex!) ma nafx kemm jitqanżħu biex iżommu d-djar tal-karita'. Jekk hemm xi għajn ta' flus, forsi jkun aktar jixraq li dawn jintużaw għal sitwazzjonijiet pastorali oħra aktar konkreti u urġenti.

Raġuni li ma ssemmietx,u li tgħodd ħafna għalina l-Għawdxin forsi aktar milli għall-Maltin, hi li jekk il-Knisja fuq livell ta' djoċesi jew Konferenza Episkopali tiftaħ stazzjon tat-televiżjoni, nibża' li wara ftit anke l-parroċċi tagħna jitħajru jiftħu wieħed tagħhom. Mhux hekk ġara fil-każ tar-radjijiet?

## GWARDJANI LOKALI

Kemm sar hawn ordni fl-ipparkjar u fit-toroq tagħna! Dnub li biex nirrispettaw il-ġid komuni u l-liġijiet kellna bżonn tal-gwardjani lokali. Ħafna qed jibżgħu minnhom aktar milli kienu jibżgħu mill-pulizija. Kif kiteb Asterisk fil-paġna ta' Għawdex (IL-ĠENS, 4.8.00), nittamaw li barra l-infurzar ġust u r-rispett dovut tal-liġijiet ċivili ma nassistux għal każijiet fejn tiġi applikata l-liġi kontra s-sens komun. Barra minnhekk, hemm bżonn li dawn il-Gwardjani jduru dawra sewwa ma' Għawdex kollu u jaraw fejn qed jiġu mormijia karozzi u nġenji oħra li m'għadhomx jintużaw u li nsew min kien is-sid, jew li ilhom jokkupaw art pubblika, b'inkonvenjenza għaċ-ċittadin, għal diversi snin. M'hemmx għalfejn niftħu kampanja bir-ritratti biex nuru l-abbużi u l-ħmieġ li għandna fil-gżira tagħna.

## IL-PROĠETT TAL-PARKING

Meta dan l-aħħar iltaqa' l-kabinet tal-ministri hawn f'Għawdex, qrajna b'interess il-proġett tal-*parking* li hemm maħsub li jsir fejn hemm il-*bus terminus* illum. Hu proġett ambizzjuż u fl-istess ħin neċessarju għalina l-Għawdxin, li dalwaqt ikollna aktar karozzi jiġru mat-toroq milli residenti fid-djar. Nawguraw li dan il-proġett u proġetti oħra simili jsiru, għax Għawdex jixraqlu dan u aħjar. Sfortunatament kien hemm żmien meta lilna l-Għawdxin kienu jikkuntentawna biċ-ċekċik. Kieku l-port ta' l-Imġarr, li qed jaqdi funzjoni essenzjali għal Għawdex, sar kif oriġinarjament kien ippjanat, kieku llum Għawdex gawda aktar mill-ġid u bata inqas.

NixtieqU pero' naraw ftit pjanti ta' dan il-proġett, u kif jaħsbu li dan jista' jsir. Smajna biss li għandu jkun proġett bejn il-Gvern u l-privat. Ma nixtequx li jintesa kollox biex imbagħad ipoġġulna ma' wiċċna l-proġett mingħajr il-possibilta' li jiġi diskuss.

## ... U DAK TAĊ-ĊIRKEWWA

Jidher li t-tkabbir tal-port taċ-Ċirkewwa reġa' qabad ir-ritmu. Nawgurawlu li ma jiqafx mill-ġdid biex jieħu n-nifs. Kull meta tjieb is-servizz bejn il-gżejjer dejjem żdied il-kummerċ u l-qligħ għall-*Gozo Channel* u għall-industrija turistika Għawdxija, grazzi għall-eluf ta' Maltin li jiġu fostna għal ftit jiem ta' mistrieħ. Nittamaw biss li ma jinqalgħux xi ntoppi ġodda li jostakolaw mill-ġdid ir-ritmu tax-xogħol ta' dan il-proġett.









# "MANRESA"

## *Dar il-Mistrieħ f'Għawdex*

INTERVISTA TA' FR. EDDIE ZAMMIT LIL FR. LINO SPITERI, SUPERJUR TAD-DAR TA' L-IRTIRI "MANRESA".

**Fr. Lino, id-dar Manresa hija magħrufa b'diversi ismijiet fost l-Għawdxin. Meta u għaliex inbniet din id-dar?**

Dar Manresa hija magħrufa bħala "Casa Santa", "Santa Dminka" kif ukoll "San Kalċidonju". F'dawn l-aħħar 40 sena bdiet tissemma bħala Dar Manresa. Għaliex dawn l-ismijiet kollha? Casa Santa kien l-isem li taw lill-knisja u d-dar fit-triq tal-Munxar, għax kienet mibnija bħala dar ta' l-irtiri għall-qdusija ta' dawk li kienu jqattgħu xi jiem fil-kwiet u l-mistrieħ biex jitqaddsu. Sejħulha ukoll Santa Dminka, għaliex fiha tinsab statwa antika ħafna li qabel kienet meqjuma ġewwa grotta fil-blat għoli n-naħa tax-Xlendi, li 'l quddiem inbidlet fi knisja. Fl-1657 fil-viżta pastorali tiegħu l-Isqof ta' dak iż-żmien iddikjara l-knisja tal-għar pprofanata. Santa Dminka sabet ruħha fil-knisja ta' San Martin. Din il-knisja nħattet u minflokha nbniet id-dar ta' l-Eżerċizzi Spiritwali li hemm illum. L-istatwa ta' Santa Dminka sabet kenn hawn fil-knisja, li nbniet u bdiet tkun magħrufa bl-isem tal-Madonna ta' Manresa jew ta' San Kalċidonju.

**Din hija dar antika kif tixhed l-istruttura tagħha. Meta bdiet tinbena? U f'liema sena bdiet tintuża?**

L-ewwel ġebla ta' din id-dar iddedikata lill-Madonna ta' Manresa tqiegħdet f'Mejju tal-1810, jiġifieri kważi 200 sena ilu. Ma' din id-dar inbniet ukoll il-knisja ddedikata lill-Madonna ta' Manresa li fiha nsibu ukoll il-kappella ddedikata lil San Kalċidonju. Lapida imwaħħla mal-ħajt tal-knisja tgħarrafna li l-knisja tlestiet fl-1822.

**X'rabta hemm bejn il-Ġiżwiti u din id-Dar?**

Inizjalment din id-dar inbniet mid-Djoċesi t'Għawdex għall-użu tal-Kleru Djoċesan u anke għal-lajċi rġiel li xtaqu jiġu fiha għal ftit mumenti ta' riflessjoni u kwiet. Ir-rabta magħna l-Ġiżwiti mhix antika ħafna. Infatti tmur lura għal ftit anqas minn 50 sena. Kien propju nhar it-23 t'Ottubru tal-1953 li l-Isqof t'Għawdex Mons. Ġużeppi Pace għadda t-tmexxija ta' din id-dar f'idejn il-Ġiżwiti. B'hekk il-Ġiżwiti reġgħu sabu ruħhom mill-ġdid f'Għawdex wara li kienu telqu t-tmexxija tas-Seminarju t'Għawdex nhar l-10 t'Awissu tal-1909. Il-Ġiżwiti kienu għenu ħafna fl-ewwel snin tat-twaqqif tas-Seminarju t'Għawdex. Diversi Retturi tas-Seminarju t'Għawdex kienu Ġiżwiti kif wieħed jista' jara mill-lista tar-retturi li mexxewh.




**X'titjib sar f'dawn l-aħħar 50 sena f'Manresa?**

Bil-ħidma ta' diversi superjuri sar titjib kontinwu f'din id-dar f'dawn l-aħħar 50 sena. Għalkemm mhux possibbli li nsemmu lil kulħadd, xieraq li nsemmu lil Patri Ġużeppi Glavina li miet ftit snin ilu u kien iħobb b'imħabba kbira din id-dar. Kien bil-ħidma tiegħu li d-Dar akkwistat ir-raba kollu ta' madwar id-dar biex imbagħad setgħu jinbnew il-ġonna, li tant huma utli għall-missjoni ta' din id-dar, anke biex joħolqu s-serenità u l-kwiet li jitlob irtir. Patri Glavina għamel erbgħin sena jgħix f'din id-dar, u bħala ħabib kbir ta' l-ambjent il-ħolma tiegħu kienet li d-dar ta' Manresa tibqa' imdawra bil-ġmiel tal-ħdura tal-widien, kemm minħabba l-kwiet li dar tal-irtiri għandha bżonn u kemm minħabba li l-ġmiel tan-natura jgħin lir-ruħ timraħ u tikkontempla 'l Alla fil-ġmiel tagħha. Ma rridx ninsa nsemmi li barra milli ħabb lil Dar Manresa b'qalbu kollu, Patri Glavina ta kontribut siewi lid-Djoċesi t'Għawdex billi organnizza l-arkivju tal-Kurja Djoċesana.

F'din id-dar anke reċentament sar titjib strutturali. Dan kien jikkonsisti fil-bini tas-Sala tal-Konferenzi li ssemmiet għall-istess Patri Glavina, żieda ta' kmamar tal-banju fil-parti l-kbira tal-kmamar, bini ta' ġonna ġodda, it-tqegħid ta' Via Sagra fil-beraħ, l-istallar tal-lift, bini ta' entraturi ġodda għad-dar, kif ukoll titjib fil-bitħa interna. B'hekk id-dar tista' taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-mistiedna tagħna billi toffri ċerti kumditajiet li kull bniedem normalment isib fi ħdan il-familja tiegħu.

**Naturalment dan kien jinvolvi ħafna enerġija u finanzi. Xi pjan kellek biex sar dan it-titjib kollu għall-aħjar?**

Dan ix-xogħol tqassam fuq perijodu ta' għaxar snin u kien jinvolvi ħafna ħsieb u enerġija; iktar minn hekk riedu jinstabu wkoll il-finanzi għal dan il-proġett. Kienu diversi dawk li taw il-kontribut tagħhom. Nista' insemmi l-provinċja tagħna tal-Ġiżwiti, id-djoċesi ta' Għawdex, kif ukoll diversi benefatturi. Insemmi ukoll il-kontribut illi taw id-diversi persuni li ġew jgħaddu xi jiem ta' riflessjoni u talb f'din id-dar. Mingħajr l-għajnuna ta' dawn kollha ma kienx ikun possibli li wieħed jidħol għal dan il-proġett vast ta' titjib f'din id-dar.

**X'ħidma qed titwettaq f'din id-dar fl-organizzazzjoni ta' l-irtiri?**

Din id-dar toffri s-servizzi tagħha għal dawk il-gruppi u ndividwi li jixtiequ jorganiżżaw mumenti ta' riflessjoni u talb. F'din il-ħidma tagħna



L-"entrance hall" il-ġdida ta' Dar Manresa



Il-"Via Sagra" fil-bieraħ li twaqqfet dan l-aħħar



Il-bini ta' sala ġdida u terrazzin fuq il-ġnien

l-Ġiżwiti, aħna nippruvaw inkomplu dak illi beda' Sant' Injazju bl-eżerċizzi spiritwali tiegħu 400 sena ilu f'Manresa fi Spanja. Kull sena jkollna mill-inqas sitt irtiri ta' ħames t'ijiem għall-kleru minn Għawdex u minn Malta. Tnejn jew tlett irtiri ta' tlett t'ijiem ikunu għal professjonisti bejn il-25 u 30 ruħ kull wieħed; wieħed minnhom jiġi jagħtih Patri Ġiżwita taljan. Ma jonqsux patrijiet Ġiżwiti nfushom li jiġu għal tmin t'ijiem irtir ta' kull sena. Xi drabi anke l-irtir tal-provinċja isir f'din id-dar. Ta' min isemmi inizjattiva ġdida li ħadu xi ġiżwiti ngliżi li se jorganniżżaw żewġ irtiri għal żewġ gruppi differenti ta' lajċi barranin fix-xhur li ġejjin f'din id-dar. Xi whud minn dawn il-ġiżwiti diġa ġew Għawdex jaraw il-faċilitajiet li għandna f'Manresa u ħadu impressjoni tajba ta' l-ambjent kollu. Jekk l-inizzjattiva tirnexxi, dawn l-irtiri jistgħu jergħu jsiru fis-snin li ġejjin.

**Minn barra l-membri tal-kleru u r-reliġjużi, il-lajċi rġiel u nisa ukoll jiġu f'din id-dar għal xi irtir?**

Il-lajċi wkoll jiġu jgħaddu hawn xi jiem ta' riflessjoni u smiegħ tal-Kelma. Il-biċċa l-kbira tal-lajċi li jiġu huma membri f'xi għaqda reliġjuża ta' l-appostolat. Kważi fl-aħħar ta' kull ġimgħa jkun hawn xi rtir għal gruppi differenti kemm minn Malta kif ukoll minn Għawdex, bħalma huma membri tal-Leġjun ta' Marija, ta' l-Azzjoni Kattolika, tal-Mużew, jew tal-gruppi ta' talb bħalma huma in-neo-katekumenali jew il-kariżmatiċi. Jiġu wkoll xi koppji u anke familji li jkunu jfittxu ftit tal-mistrieħ kemm fiżiku kif ukoll spiritwali.



**Xi stedina tagħmel lill-qarrejja tagħna?**

Qabel ma nagħmel l-istedina nixtieq nagħmel ringrazzjament. Nirringrazzja lil dawk kollha li, tul dawn is-snin tal-preżenza tagħna f'din id-dar, dejjem raw kif jinkoraġġuna mhux biss bil-kliem imma wkoll b'fatti konkreti. Il-lista tal-benefatturi ta' din id-dar hija twila u dejjem tiżdied. L-istedina li nagħmel lil kulħadd hija biex meta jħossuhom għajjenin mit-toqol tal-ħajja jiġu jittawlu anke għal ftit mumenti f'din id-dar, li bil-ġonna u s-sbuħija tagħha terġa' trodd lura s-saħħa spiritwali u fiżika. J'Alla din il-missjoni li għandha din id-dar, li tkun strument ta' laqgħa tal-bniedem m'Alla, tibqa' taqdiha ukoll fiż-żmien li ġej bl-għajnuna illi jagħtina l-Mulej. J'Alla nibqgħu nisimgħu l-istedina li jagħmlilna l-Mulej stess "Ejjew hawn fl-.imwarrab u strieħu ftit miegħi" .



# Ħidma mal-Professjonisti

## Esperjenza ta' Sena

Fil-Kummissjoni Djoċesana għall-Apostolat tal-Lajċi (KDAL), l-E.T. Mons. Isqof kien ilu jinsisti għal inizjattiva sistematika mal-professjonisti. Barra l-Eżerċizzi tar-Randan għall-Professjonisti li jsiru regolarjament, ix-xewqa ta' Mons. Isqof kienet li jkun hemm xi tip ta' struttura li taħdem f'dan il-kamp b'mod konsistenti matul is-sena kollha.

Għal dan il-għan ġejt imqabbad, flimkien mas-Sur Antoine Vassallo, biex naraw x'nistgħu nagħmlu. Mons. Isqof innomina lil Fr. Joe Zammit bħala rappreżentant tiegħu fuq dan is-sotto-kumitat. Il-bidu ma kienx faċli. Ilkoll ħassejna li qed naħdmu f'kamp li ftit li xejn konna nafu dwaru; l-esperjenza li kellna ma' dawn in-nies kienet skarsa, speċjalment rigward l-impenn tagħhom fis-soċjeta.

Bdejna nfittxu u nistaqsu biex naraw x'sar fil-passat u x'inhuma x-xewqat u l-ħtiġijiet spiritwali tal-professjonisti. Għamilna ħilitna biex nagħmlu up-dating tal-lista tal-Professjonisti li kellna f'idejna. Ikkuntatjajna lill-arċiprieti, kappillani u l-GUG għal iktar informazzjoni. Kull fraka li ksibna kienet utli. Tkellimna wkoll ma' xi professjonisti u stedinna oħrajn għal-laqgħat li għamilna biex nieħdu l-opinjoni tagħhom. Biex ma ntawwalx, wasalna għall-ewwel laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 19, ta' Ġunju 1999 fit-Tiġrija Palazz. Din kienet laqgħa ta' diskussjoni u l-mistieden speċjali kien Dr. Edward Warrington mill-Universita' ta' Malta. It-tieni laqgħa saret nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Settembru 1999, fuq l-istess linji; din id-darba l-kelliem kien is-Sur Aquilina wieħed mill-istockbrokers ewlenin ta' Malta. L-attendenza għaż-żewġ laqgħat kienet waħda fqira.

Minflok ħallejna qtiegħ il-qalb iċedina, komplejna nitolbu, niddiskutu u nesploraw possibilitajiet ġodda. Is-soluzzjoni li sibna ħadmet. Organiżżajna laqgħa ta' talb fil-kappella tas-Seminarju nhar t-Tlieta, 14 ta' Diċembru 1999, fid-9.00p.m. Barra l-qari, l-kant mis-seminaristi u t-talb, Mons. Isqof tkellem fuq l-etika professjonali. L-attendenza kienet inkoraġġanti. Imbagħad bdejna naħsbu għall-Eżerċizzi tar-Randan. Biddilnilhom l-isem għall-"Ġimgħa tal-Professjonisti", għażilna l-post Dar Manresa, ffissajna d-dati u l-ħin mit-Tnejn 3 sal -Ġimgħa 7 ta' April 2000 fit-8.30p.m. Sibna l-kelliem Fr. George Frendo u bgħatna l-inviti (għall-eżatezza nibgħatu iktar minn 150 invit personali għal kull laqgħa). Il-Ġimgħa kienet tajba u t-tagħlim kien eċċellenti. Ikkonkluda Mons. Isqof b'quddiesa u ikla ma' dawk preżenti.

Il-preżenza tas-sotto-kumitat bdiet tinħass; ħafna bdew juru l-għatx tagħhom għal iktar tagħlim. L-aħħar laqgħa li organizzajna f'din is-sensiela kienet nhar it-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2000, fil-kappella tas-Seminarju fid-9.00p.m. Patri Eġidju Mizzi mexxa u għamel approfondiment bibliku fuq parti mill-kapitlu 6 tal-Vanġelu ta' San Ġwann.

Issa ilna sena naħdmu f'dan il-kamp; kellna għoxrin laqgħa tas-sotto-kumitat. Inħoss li l-kamp tal-professjonisti hu wieħed wiesgħa u ta' sfida; imma fuq kollox hu wieħed mimli b'rikkezza u potenzjal uman kbir. Għalija u għal sħabi tas-sotto-kumitat din kienet ukoll mixja ta' fidi u ta' maturita` nisranija. Inkomplu nitolbu lill-Mulej biex jibqa jdawlilna t-triq tal-futur.

Minn din il-paġna nistieden lil kull min jinteressa ruħu minn dan il-kamp, jew jixtieq jieħu x'inizjattiva f'dan is-sens anke fuq bażi parrokkjali, biex jikkuntatjana: Fr. Joe Zammit (Tel. 558556), Alfred Grech (Tel. 551902), Antoine Vassallo (Tel. 553944)

***Alfred Grech***
***għas-Sotto-Kumitat***

NAMASTE
AUTHENTIC INDIAN CUISINE
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo. Tel: 561619

# Naf li tmur tisma' l-quddies...

# IMMA!




- KEMM taf sewwa xi tfisser quddiesa?
- KIF tassew "tieħu sehem" fiha?
- GĦALIEX u x'ifisser dak li jilbes, li jagħmel u li jgħid is-saċerdot?

"IL-QUDDIESA MFISSRA"

*AQRA DAN IL-KTIEB ĠDID,*
*U SSIR TAF KEMM TAF FTIT DWAR IL-QUDDIESA...*

88 pagna!
Mimli stampi!
Lm1.50c biss!

**Akkwista kopja mil-Lumen Christi Bookshop, Victoria,**
**jew mill-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex**

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

***EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX***
***U SEBBĦU T-TWIEQI TAGĦKOM***

## GOZO VERTICALS, BLINDS & SHADES LTD.

***ta' TONY CAMILLERI***

*FEJN ISSIBU VARJETÀ KBIRA TA'*

**BLINDS U SHADES TA'**
**MATERJAL, ALUMINIUM U PLASTIC**

***PREZZIJIET RAĠJONEVOLI***

*Għal aktar tagħrif*
*Ċemplu* 553352, 562211 Fax 562211 Mobile 099 5001.
*jew irrikorru* N.B. Cocco Palmeri Street, Nadur, Għawdex.



# IL-PAPA PIJU IX ISIR BEATU

Jikteb l-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi

*Fuq il-presbiterju tal-Knisja Kattidrali t'Għawdex, qrib l-artal maġġuri hemm il-bust tar-rħam tal-Papa Piju IX. Dan għaliex kien hu li bil-bolla hekk imsejħa Singulari Amore tal-1864 waqqaf id-djoċesi Għawdxija u għolla lill-Knisja ta' l-Assunta għad-dinjita' ta' Katidral. Aħna n-nies ta' din id-djoċesi mwaqqfa minnu nħossuna xxurtjati li minn hawn u ftit ieħor, Piju IX ser jiġi ddikjarat beatu.*

## Dati Ewlenin ta' ħajtu

Il-Papa Piju IX, mill-familja Mastai-Ferretti twieled f'Senigallia fl-Italja fit-13 ta' Mejju 1792. Laħaq saċerdot fl-1819 ta' 35 sena biss ġie maħtur Arċisqof ta' Spoleto fl-1827 u fl-1832 ġie trasferit għad-djoċesi ta' Imola. Nominat kardinal fl-1840, Ġie elett Papa meta kellu 54 sena fil-konklavi li nżamm f'Ġunju 1846. Fl-ewwel enċiklika tiegħu tat-8 ta' Novembru 1846 "Qui pluribus" kien ikkundanna l-mażunerija u l-kommuniżmu. Miet wara 32 sena ta' Pontifikat fis-7 ta' frar 1878.

## Id-Domma tal-Immakulata Kunċizzjoni

Forsi wieħed mill-atti l-aktar importanti tal-pontifikat tiegħu kien dak meta fit-8 ta' Diċembru 1854, ipproklama d-domma tat-tnissil bla tebgħa tal-Imqaddsa Verġni Marija. Kien jum ta' ferħ għall-Knisja ta' Kristu; jum ta' konsolazzjoni għal qalb tal-Papa, jum li fih id-devoti ta' Sidtna Marija ħassew li għandhom ta' bilħaqq għalfejn jirringrazzjaw lil Alla, għaliex fil-kuruna li żżejjen ir-ras tas-Sultana tas-sema żdiedet ġawhra oħra l-iktar prezzjuża.

## Is-Sillabu ta' Piju IX

Wara talba ta' diversi isqfijiet il-Papa Piju IX fl-1864 ħareġ l-enċiklika "Quanta Cura" u magħha wkoll ippublika dak li jissejjaħ is-Sillabu jew lista tal-ereżiji u tagħlim qarrieq li kien jiġi mxerred f'dawk iż-żminijiet, ħafna ħaduha qatta bla ħabel kontra dan is-Sillabu tal-Papa Piju IX. Pero' dan kien meħtieġ fiż-żmien meta ħareġ, peress li l-perikli għall-fidi kienu bosta, u l-insara b'mod speċjali l-predikaturi u t-teoloġi kellhom bżonn xi ħaġa li tiggwidahom.

## Il-Konċilju Vatikan

Imma l-Papa Piju IX jibqa mfakkar ukoll fl-istorja għaliex fit-8 ta' Diċembru 1869 fetaħ l-Ewwel Konċilju Vatikan, konċilju li ntemm ħesrem għaliex f'Ottubru tas-sena ta' wara l-Isqfijiet li nġabru f'Ruma għalih, kellhom jirritornaw lura lejn darhom peress li kien hemm periklu ta' gwerra mminenti.

Pero' dan il-Konċilju fiż-żmien qasir li fih iltaqgħu l-isqfijiet, iddefinixxa tagħlim importanti u fundamentali għar-reliġjon tagħna. Speċjalment fil-Kostituzzjoni dommatika dwar il-fidi, dan il-Konċilju jispjegalna dak li għandna nemmnu dwar Alla u dwar il-ħolqien. Fil-kostituzzjoni dommatika fuq il-Knisja, mbagħad, barra minn tagħlim ieħor, ġiet ipproklamata wkoll id-domma tal-Infallibilita' tal-Papa.

## L-Organizzazzjoni tal-Knisja f'diversi pajjiżi

Il-ħidma ta' dan il-Papa bħala Ragħaj tal-Knisja Universali tibqa' mfakkra minn diversi nazzjonijiet għaliex ta spinta qawwija lill-organizzazjoni tal-Knisja Kattolika fihom. Hekk per eżempju, huwa reġa' waqqaf il-ġerarkija fl-Olanda u kiseb għal dak il-pajjiż il-liberta' reliġjuża. Huwa waqqaf ukoll il-ġerarkija fl-Ingilterra u ħatar bħala primat ta' dak il-pajjiż, lill-Kardinal Wiseman. B'mod partikolari fl-Istati Uniti tal-Amerika, fi żmien Piju IX, il-Knisja Kattolika organizzat ruħha u minn minoranza li kienet qabel saret forza l-iktar qawwija. Huwa wkoll ta spinta l-quddiem il-ħidma tal-missjunarji.

**L-inkwiet fl-Italja**

Imma x-xewka l-iktar doloruża li kellu l-Papa Piju IX kienet ġejja propju mill-Italja, art twelidu li huwa tant kien iħobb. Meta laħaq Papa fl-1846, wieħed mill-ewwel atti tiegħu kien li jagħti l-liberta' lill-priġunieri politiċi. Huwa ried ukoll li dawk li kienu jiggvernaw fl-istati pontifiċji jiġifieri fit-territorju illi l-Papa kellu taħt idejh bħala re ta' parti mill-Italja, ma jkunux iktar ekkleżjastiċi iżda jkunu lajċi.

Fl-Italja dak iż-żmien kien qiegħed isir sforz biex ikun hemm dik li jsejħula l-unita' nazzjonali għaliex qabel l-Italja kienet maqsuma f'ħafna stati, u għalhekk bosta Taljani, għal dan il-ġest, lill-Piju IX faħħruħ u għollewħ. Imma l-Osanna tal-1846 inbidlet fi '*Crucifige*' propju sentejn wara, fl-1848 meta r-rivoluzzjonarji u l-mażunerija ħabtu għal diversi organiżżazzjonijiet ta' l-istat u qatlu lil ministru tal-Papa li kien il-konti Pellegrino Rossi, il-Papa Piju IX ra li l-ħajja tiegħu kienet fil-periklu u għalhekk aċċetta l-parir li tawh u ħarab bil-moħbi lejn il-belt ta' Gaeta fir-Renju ta' Napli. Dam hemmhekk sentejn sa l-1850 meta bil-għajnuna ta' l-eżerċtu Franċiż, is-sitwazzjoni fil-belt ta' Ruma ġiet ikkontrollata.



***Il-Bulla "Singulari Amore", li biha il-Papa Piju IX iddikjara lil Għawdex Djoċesi.***

Pero' ma damx wisq li reġa nqala' l-inkwiet għaliex għaxar snin wara fl-1860 l-artijiet tal-Istat Pontifiċji ġew mirbuħa mir-riġmenti taljani u magħqudin mar-renju ta' l-Italja. Kien għad fadal biss il-belt ta' Ruma, iżda fl-1870 is-swar tagħha ġew attakkati u l-Papa, biex ma jkunx hemm tixrid ta' demm ordna lis-suldati tiegħu biex ma jikkumbattux. Għalhekk huwa sab ruħu magħluq priġunier fil-Vatikan.

Il Gvern Taljan ta' dak iż żmien bil liġi hekk imsejħa tal-Gwarantiġji tal-1871 ried jiggarantixxi l-liberta' lill-Papa u ried jagħtih ukoll kumpens tal-palazzi, tal-knejjes u tat-territorju li kien ħadlu. Il-Papa ma aċċettax għaliex qal illi għall-kredibilita' tal-Knisja Kattolika hemm bżonn illi kulħadd ikun persważ li l-Papa mhux sudditu tal-Gvern Taljan, imma li huwa ndipendenti minn kull gvern. Sabiex il-Papa jkun tabilħaqq indipendenti u liberu hemm bżonn li jkollu t-territorju tiegħu, hemm bżonn almenu li jkollu roqgħa art illi fiha t-tmexxija, anke temporali, tkun esklużżivament f'idejh.

Kien propju dan il-prinċipju li għalih il-Papa Piju IX ingħalaq fil-Vatikan u l-papiet ta' warajh dejjem osservawh u baqgħu b'relazzjonijiet miksura mal-gvern Taljan, sakemm sar konkordat fl-1929.

**Konklużjoni**

Piju IX kien il-Papa li l-iktar dam isaltan fuq it-tron ta' San Pietru; difatti l-pontifikat tiegħu jilħaq 32 sena. Piju IX kien bniedem li ħabb lill-knisja, ħabb lil Kristu u nistgħu ngħidu li wettaq sewwa l-parir li l-Appostlu Missierna San Pawl jagħti lid-dixxiplu tiegħu meta qallu: "Qis li tbati miegħi għall-evanġelju'. Il-Papa Piju IX bata' u sofra ħafna għal Kristu u għall-Knisja tiegħu. Nistgħu ngħidu li kien il-bniedem l-iktar maħbub u fl-istess ħin il-bniedem li kontra tiegħu kien hemm il-mibegħda u l-attakki l-aktar feroċi.

Mill-istorja ta' Piju IX aħna nitgħallmu illi l-persekuzzjonijiet għall-Knisja Kattolika ma bdewx fi żmienna. Il-persekuzzjonijiet u t-taħbit kontra l-Knisja ta' Kristu ilu li beda, u propju l-ħajja ta' Piju IX hija eżempju l-iktar ċar. Iżda d-dgħajsa ta' Pietru tibqa' dejjem f'wiċċ il-baħar għad li xi drabi tkun imdawwra mill-ħalel tal-biża'.

# 25 SENA MILL-INKURUNAZZJONI TA' L-ASSUNTA TAL-KATIDRAL T'GĦAWDEX



F'din is-sena tal-Ġublew il-Kbir jaħbat il-ħamsa u għoxrin anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema meqjuma fl-inkwadru prinċipali tal-Knisja Katidrali t'Għawdex. L-inkurunazzjoni kienet saret b'awtorizzazzjoni tal-Papa Pawlu VI, fuq talba tal-Isqof Djoċesan Mons. Nikol Cauchi. Il-kuruna fuq ras il-Madonna tqegħdet mill-Kardinal Franco Seper li dak iż-żmien kien il-Prefett tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi.

L-inkurunazzjoni ta' din ix-Xbieha Marjana kienet ilha mixtieqa. Fil-fatt, kien hemm il-ħsieb li tiġi nkurunata fis-Sena Marjana tal-1954. Pero', l-Isqof Pace kien iddeċieda li tiġi nkurunata l-Kunċizzjoni tas-Santwarju tal-Qala għaliex, kif kien qal l-imsemmi Mons. Isqof Pace lill-Arċidjaknu Mons. Pawlu Cauchi, żgur li ma kien ser ikun hemm ebda' diffikulta li l-Kapitlu Vatikan (li f'dak iż-żmien kien iżomm f'idejh l-inkurunazzjoni ta' dawn ix-xbiehat Marjani) jawtorizza l-inkurunazzjoni tal-Assunta fil-Katidral. Fil-fatt kellha tkun is-Sena Mqaddsa 1975 biex isseħħ l-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Katidral.

L-awtorizzazzjoni biex tiġi nkurunata din ix-xbieha Marjana tal-kwadru titulari tal-Katidral ingħatat wara li kienu ġew sodisfatti ċerti kundizzjonijiet mitluba minn Ruma. Ġie mibgħut ritratt tal-kwadru flimkien ma' relazzjoni fuqu u dokumenti oħra, kif soltu jsir meta l-inkurunazzjoni tkun ħa sseħħ bl-awtorizzazzjoni pontifiċja.

F'din l-okkażjoni tal-inkurunazzjoni kienu twettqu bosta attivitajiet skond programm imħejji apposta. Il-programm kien tfassal mill-Kumitat tal-Inkurunazzjoni li kien magħmul minn membri tal-Kleru u mil-lajċi minn ħdan il-kommunita parrokkjali tal-Katidral. Fost l-attivitajiet li kienu twettqu ta' min isemmi dik imsejħa "*Son et Lumiere*" fejn l-istorja tal-Katidral ġiet irrakkuntata permezz tad-dwal u ħsejjes. Xi ħaġa bħal din, jien kont rajtha fil-Katidral ta' York. Din kienet attivita` li ntogħġbot ħafna mill-folla li mliet il-Katidral.

Kienet interessanti wkoll u ta' livell għoli l-akkademja mużiko-letterarja li saret nhar it-13 ta' Awissu, fil-Katidral, taħt il-presidenza tal-Kard. Franco Seper. Barra mill-Isqof Djoċesan, kien ukoll preżenti l-Arċisqof ta' Perugia, Mons. Ferdinando Lambruschini. F'dik is-serata kulturali, l-orkestra kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Anton Bonnici u fuq il-pjanu kien hemm Miss Maria Zammit li, f'dik l-istess lejla, irċeviet, flimkien mas-sur Kelinu Masini, l-onorifiċenza pontifiċja "Benemerenti" minn idejn il-Kardinal.

Sintendi, l-ġurnata l-aktar importanti kienet dik tal-15 ta' Awissu. Fil-għodu, fil-Katidral kien hemm Pontifikal immexxi mill-Kardinal Seper u miegħu kkonċelebraw l-Isqfijiet Cauchi u Lambruschini, l-Kapitlu Katidrali, rappreżentanza tal-Kolleġġjati, Kappillani u bosta Saċerdoti oħra mid-Djoċesi. L-orkestra flimkien mal-kant waqt il-Konċelebrazzjoni kienu taħt it-tmexxija tal-Kan. Dun Martin Portelli, Maestro di Cappella tal-Katidral.

Fis-6.00p.m. ħarġet purċissjoni mill-Knisja Katidrali għall-pjazza Savina. Fil-purċissjoni ngarr l-kwadru tal-Assunta u l-purċissjoni tmexxiet mill-



Kardinal li kien assistit mill-Isqof Cauchi t' Għawdex u mill-Isqof Mercieca, Awżiljarju ta' Malta. Ħa sehem ukoll l-Arċisqof Lambrischini ta' Perugia, flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral, tal-Kolleġġjati u għadd ta' Saċerdoti oħra mid-djoċesi.

Fi Pjazza Savina, l-inkwadru tpoġġa fuq palk imħejji apposta u fejn kien hemm diġa miġbura xi personalitajiet distinti, fosthom, l-E.T. il-President ta' Malta u s-Sinjura Mamo, Ministri tal-Gvern u Deputati Parlamentari. Il-kuruna ngarret mill-Onor. Anton Buttigieg, Deputat Prim Ministru, li mexa ukoll fil-purċisjoni mill-Katidral. Pjazza Savina, kif għadhom jixhdu r-ritratti, kienet mimlija bin-nies, mill-ġnub tagħha sal-firxa tagħha lejn it-Tokk. Kien mument sabiħ ħafna meta l-Kardinal Seper poġġa l-kuruna fuq ir-ras tal-Madonna, ġest li ġie milqugħ b'ċapċip l-aktar kbir. Wara dan, il-purċissjoni rritornat lejn il-Katidral u l-funzjoni, dak in-nhar, intemmet bil-Barka Ewkaristika mill-Kardinal Seper.

Wara l-ġrajja tal-Inkurunazzjoni kelli opportunita niltaqa mal-Kardinal Seper aktar minn darba. Lill-Arċisqof Lambruschini ma rajtu qatt aktar, għax fi ftit żmien wara huwa miet fir-residenza tiegħu f'Perugia. Pero` l-Kardinal, kif ukoll is-Segretarju tiegħu Mons. Vladimir Capek (li għadu ħaj) kienu juru li ħadu ġost bil-miġja tagħhom f'Għawdex u li baqgħu mpressjonati ħafna bl-organiżżazzjoni li sabu fid-djoċesi ċkejkna tagħna: post żgħir, imma kemm hemm talenti moħbija li meta jitħaddmu jħallu ħafna riżultati sbieħ. U dan li qed ngħid, igħodd ukoll għall- parroċċi kollha tad-djoċesi tagħna. Meta Alla żejjen bosta min-nies tagħna b'tant talenti, żgur li għandna nagħmlu ħilitna biex naħdmu dejjem f'għaqda waħda sabiex aktar jidhru d-doni li Alla tana u aktar ikun kotran il-frott li jistgħu jħallu bl-użu tajjeb u għaqli tagħhom. U għalhekk jekk f'kull parroċċa għadek issib elementi li jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom, minkejja ċ-ċokon tal-parroċċi tagħna, ara ma nkunux tant boloħ li nħallu raġunijiet ta' firda jxekklu l-enerġija u t-talenti tagħna. Minn tfixkil bħal dan, tbatija nistennew u mhux ġid.

***Mons. Arċid. Giovanni B. Gauci***
***Vigarju Ġenerali***







# ŻGĦAŻAGĦ GĦAL KRISTU



Il-Mulej Gesu', qabel ma tela' s-Sema, qal lid-dixxipli tiegħu: "Jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien" (Mt 28,20). Illum, fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna għadha tidwi t-talba tad-dixxipli ta' Emmaws: "Ibqa magħna Mulej, għax issa sar ħafna ħin" (Lq 24,29). Nistgħu ngħidu li x-xewqa ta' Ġesu li jibqa magħna u x-xewqa tagħna li nibqgħu miegħu, jiltaqgħu fil-persuna tas-Saċerdot.

Għal darba oħra, il-Mulej xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-gżira tagħna u għaniha b'doni mill-aqwa: sitt djakni u tliett saċerdoti ġodda.

Id-djakni huma "rġiel li għandhom isem tajjeb u li huma mimlijin bl-Ispirtu u l-għerf" (Atti 6,3) u li għandhom għal qalbhom il-qadi' tal-foqra u x-xandir tal-Kelma. Is-saċerdoti huma "ministri ta' Kristu u amministraturi tal-misteri ta' Alla" (1Kor 4,1) li jieħdu ħsieb iwasslu l-Aħbar it-Tajba, jgħinu lill-insara jiltaqgħu ma' Alla fis-sagramenti u jħeġġuhom fil-karita`.

Qalbna tfaħħar il-kobor tal-Mulej, għax għamel magħna ħwejjeg kbar. Kull vokazzjoni hija frotta matura minn siġra kumplessa. Jekk is-siġra tagħmel frott tajjeb dan ifisser li s-siġra hija f'saħħitha.



*(Quddiem mix-xellug: Fr. Joseph Farrugia, Fr. Reuben Micallef, Mons. Isqof, Fr. Joseph Grima, Djaknu Jesmond Gauci. Wara mix-xellug: Djaknu Anthony Mario Saliba, Djaknu, Roberto Gauci, Djaknu Joseph Cardona, Djaknu Joseph Sultana, Djaknu Joseph Grech)*

# X'JAĦSBU L-QARREJJA TAGĦNA DWAR IR-RIVISTA

Matul dawn l-aħħar xhur id-direzzjoni tar-rivista tagħna kompliet tirċievi diversi messaġġi ta' tifħir u nkoraġġiment għall-preżentazzjoni ġdida u għall-materjal informattiv u varjat li qed toffri minn Jannar 'l hawn. Dawn huma xi siltiet minn diversi ittri li rċivejna.

*"Nixtieq inwassal lid-direzzjoni u lill-kollaboraturi kollha ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" il-kumplementi tiegħi għat-titjib fid-dehra tar-rivista, filwaqt li ninkoraġġikom tkomplu l-ħidma sabiħa li bdejtu...Aħna li ninsabu 'l bogħod minn pajjiżna forsi napprezzaw iżjed l-aħbarijiet dettaljati li twasslulna...Il-Mulej ikompli jbierek din il-ħidma tagħkom fit-tixrid tal-istampa t-tajba u fil-ġurnaliżmu kattoliku."*

*Mons. Alfred Xuereb (Belt tal-Vatikan)*

*"Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għad-dehra ġdida tar-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex" - dehra tassew oriġinali u daqstant ieħor attraenti, li tant tixraq lil rivista Għawdxija b'għan reliġjuż u soċjali hekk preċiż, aġġornat u nteressanti..."*

*Geoffrey G. Attard (Victoria)*

*"Irrid nifirħilkom għal-livell għoli tal-preżentazzjoni ġdida u għaż-żieda ta' tant artikli nteressanti li qed ikun fiha r-rivista tagħna l-Għawdxin..."*

*Rose Camilleri (Nadur)*

*"Il-Ħajja f'Għawdex" mal-bidla tal-millenju libset libsa ġdida! Prosit kbir għall-ħidma sabiħa li qegħdin twettqu biex ir-rivista tal-Għawdxin kollha tkompli tikber, tisbieħ u tixtered f'tant partijiet tad-dinja fost l-emegranti tagħna. Permezz tagħha ħafna jkunu dawk li jsiru jafu aktar u aħjar x'inhu jiġri fil-gżira ħelwa tagħna, u żgur li jistgħu jitgħallmu xi ħaġa ġdida mill-varjeta` ta' artikli li qed jiġu ppublikati...Kull opra tajba titlob ħafna sagrifiċċji, imma tħalli ukoll riżultat sabiħ u sodisfazzjon kbir. Qed nibgħatilkom offerta ta' £20 bħala għajnuna u nkoraġġiment għal rivista antika imma dejjem ġdida, li qegħda tkun ta' siwi u ta' ġid għal kull min jirċeviha u jaqraha regolarment, bħal ma nagħmel jien. Prosit u grazzi."*

*Fr. Coronato Grima (Ġibilta`)*

*"Prosit tassew għar-rivista b'dehra ġdida, aktar moderna u nteressanti...Il-Mulej ikompli magħkom fix-xogħol tant siewi li qegħdin tagħmlu biex Għawdex tagħna jkompli jsemma' leħnu..."*

*Mary Rose Grech (Qala)*

*"Kieku għidtli li rbaħt xi wieħed mill-għaxar rigali li kellkom għall-abbonati, kont nieħu aktar gost u niġi għalih! Imma naħseb li jkolli aktar mertu jekk nagħtikom rigal jien! Qed nibgħatlek din l-offerta żgħira b'risq l-ispejjeż tar-rivista..."*

*Rose Galea (Għarb)*

*"Għandi pjaċir nibgħatlek din l-offerta żgħira għal kawża hekk kbira: l-istampa t-tajba! Prosit tal-libsa ġdida li tajtu lir-rivista...Keep it up!"*

*Dun Anton Bajada (Sannat)*

*"Qed nibgħatlek Lm10 bħala għajnuna għar-rivista, li tant nieħu gost naqra, għax minnha nitgħallem ħafna. Nawguralkom kull suċċess, u nirrikmanda ruħi fit-talb tagħkom."*

*Maria Azzopardi (Nadur)*

Jekk tixtieq tikbilna int ukoll il-kummenti jew is-suġġerimenti tiegħek dwar ir-rivista tagħna, indirizza l-ittra tiegħek hekk:

*Id-Direzzjoni, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Victoria, VCT 111.*



Riflessjonijiet minn A.C.M.

# IL-KNISJA binja ta' Alla

(1 Kor. 3,9)

## Il-Papa Pawlu VI...

( siltiet mill-"Kredu" tal-Papa Pawlu VI )

*AĦNA NEMMNU*

*Fi Knisja Waħda, Qaddisa, Kattolika u Appostolika fuq il-Blata li hi PIETRU.*

*AĦNA NEMMNU*

*fl-infallibilita` li minnha jgawdi s-Suċċessur ta' Pietru.*

*AĦNA NEMMNU*

*Li l-Knisja li Kristu waqqaf u li għaliha talab, hi*
*WAĦDA FIL-FIDI*
*WAĦDA FIL-QIMA*
*WAĦDA FIR-RABTA*
*tal-komunjoni u tal-Ġerarkija Mqaddsa*

*AĦNA NEMMNU*

*Li l-Knisja hi waħda meħtieġa għas-salvazzjoni, għax Kristu hu l-Medjatur waħdieni u t-Triq tas-Salvazzjoni li jsir Preżenti għalina fil-Ġisem tagħna li hi l-Knisja.*

## L-Isqof Nikol. G. Cauchi...

*Meta tkellem dwar it-tmexxija tal-Knisja li Kristu mar jafda lill-Papa u lill-Isqfijiet, fl-Enċiklika "Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu" il-Papa Piju XII għamel din it-twiddiba:-*

*"HUMA MEXJIN FIT-TRIQ PERIKULUŻA TAL-IŻBALL DAWK LI JEMMNU LI HUMA JISTGĦU JAĊĊETTAW LIL KRISTU BĦALA RAS TAL-KNISJA, MINGĦAJR MA HUMA MAGĦQUDIN BIL-LEALTA' KOLLHA MAL-VIGARJU TIEGĦU FUQ L-ART..."*

*"Mhux biżżejjed li wieħed jistqarr li jħobb u jirrispetta lill-Papa, iżda jeħtieġ:*

- *li joqgħod għat-tmexxija tiegħu,*
- *u jaċċetta t-tagħlim tiegħu u l-Isqfijiet magħqudin miegħu."*

*Ittra Pastorali "**Nagħrfu aħjar il-Knisja biex inħobbuha aktar**" (1994) fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju mill-pubblikazzjoni tal-Enċiklika tal-Papa Piju XII "Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu".*

## Il-Papa Ġwanni Pawlu II

# "Hemm bżonn nirrispettaw il-Knisja u naqduha"

u l-Papa jgħid għaliex:

"Ma jistax ikollok lil Alla bħala Missierek jekk ma jkollokx lill-Knisja bħala Ommok. (San Ċiprijan)

Kif tista' tixtieq tħobb lil Kristu mingħajr ma tħobb lil Knisja jekk l-isbaħ xhieda li San Pawl ta fuq Kristu kienet din: "HU (KRISTU) ĦABB LIL KNISJA U TA ĦAJTU GĦALIHA."

(Konferenza tal-Isqfijiet Latino-Amerikani fi Puebla, 28 ta' Jannar 1979.)



# KIF TĦOBB 'IL-KNISJA BIL-FATTI...

Għix mal-Knisja u nteressa ruħek minn kull ma tagħmel hi.

Itlob mal-Knisja u ssieħeb fil-Liturġija tagħha.

Offri mal-Knisja kull ma tagħmel u ġgarrab

Aħdem mal-Knisja u mhux għal rasek

Ifraħ mal-Knisja

Umilja ruħek mal-Knisja u pattilha għat-tajn li jitfgħulha uħud minn uliedha.

Bati mal-Knisja u ħoss f'qalbek il-feriti tagħha.

Ittama mal-Knisja, għax il-bibien tal-infern ma jegħlbuhiex.

Emmen fil-Knisja u agħmel kollox f'għaqda magħha.

Ħobb lill-Knisja kif iben imissu jħobb lil ommu.

Aqdi lill-Knisja b'servizz leali u intelliġenti.

(Mill-ktieb ta' Gaston Courtois "L'Ora di Gesu" Vol.II paġna 103.)

Il-"Bollettino Salesiano" ta' Novembru 1993 (paġna 39) jirrakonta l-ġrajja tal-Patri Sależjan DON PAOLO FONG ta' 75 sena minn Shangai, fiċ-Ċina.

Għax ried jibqa' fidil lejn il-Papa, kellu jħallas prezz qares. B'kollox 39 sena minn ħajtu għaddihom f'kalvarju sħiħ. Ġie meħlus biss fil-1991. Il-motto tiegħu kien dan:

**Dejjem mal-Papa**
**F'kollox mal-Papa**
**Ikun min ikun il-Papa.**
**Akkost ta' kollox mal-Papa**

Dun Ġorġ Preca wkoll kellu imħabba kbira lejn il-Knisja u l-Papa... ***"Il-Knisja Kattolika hija qaddisa għax kollox hu qaddis u mqaddes fiha, u speċjalment il-mezzi tal-Qdusija li huma s-Sagramenti. Il-Knisja ta' Kristu hija fejn hemm Pietru, imsaħħa bil-qaddisin tagħha permezz ta' mirakli li saru u li jsiru taħt għajnejn il-bnedmin, xhieda fid-dawl tad-dinja, ġrajja li ħadd ma jista' jmieri."***

## Dun Ġorġ Preca - 7

# DUN ĠORĠ APPOSTLU TAL-BIBBJA

Jekk illum fid-djoċesi tagħna nsibu gruppi fi ħdan il-parroċċi li jistudjaw il-Bibbja, dan sar grazzi għall-aġġornament li ġab l-Konċilju Vatikan II. Iżda tajjeb li nkunu nafu li Dun Ġorġ kien profeta tal-Konċilju u f'ħajjtu ħeġġeġ kemm felaħ l-istudju tal-Bibbja.

Il-Knisja li fiha għex Dun Ġorġ kienet għadha dik it-tip ta' Knisja skond il-Konċilju ta' Trentu. Billi l-firda tal-Protestanti ġrat billi dawn bdew ifissru ħażin il-Bibbja, l-Knisja donnha kienet qegħda tibża' tagħtiha f'idejn il-poplu għax kien jeżisti l-periklu li jifimha ħażin kif għamlu l-Protestanti.

Infatti l-kredu tal-Protestanti hija Bibbja biss. Jiġifieri wieħed ifisser il-Bibbja kif jifimha hu. Għalhekk il-Konċilju ta' Trentu obbliga lill-Kappillani biex jispjegaw il-Katekiżmu tal-Knisja.

Fi żmien Dun Ġorġ, kif għedna kien hawn il-biża' fil-Knisja Kattolika kollha li l-Bibbja tista' tiftieħem ħażin minn dawk li ma kienux jafu Tejoloġija jew it-tagħlim tal-Knisja. F'Malta ma kienx għad hawn Bibbja Kattolika bil-Malti u għalhekk Dun Ġorġ kien joqgħod jaqlebil-Bibbja mill-Latin huwa stess. Din it-traduzzjoni kien jagħmilha mill-Vulgata—li kienet il-Bibbja uffiċjali bil-Latin għall Knisja kollha. Però meta Dun Pietru Pawl Saydon beda jaqleb il-Bibbja mill-ilsna oriġinali jiġifieri Grieg u Lhudi, Dun Ġorġ ma baqax jagħmel traduzzjonijiet mill-Vulgata iżda nkoraġġieh f'dan ix-xogħol hekk ta' fejda għall-Knisja.

Jekk l-awtoritajiet tal-Knisja kien jibżgħu jagħtu l-Bibbja f'idejn il-poplu għax kienu jibżgħu li jinterpretawha ħażin, dan ma kienx il-każ ta' Dun Ġorġ. Lil dawk ta' madwaru dejjem għallimhom ubbidjenża perfetta lejn l-awtorità tal-Knisja kemm f'dak li huwa tagħlim u kemm f'dik li hija dixxiplina.

Jekk taqra l-kitbiet ta' Dun Ġorġ issib ruxxmata ta' sentenzi meħuda mill-Bibbja. U hekk meta taqra l-kitbiet tiegħu dlonk tinduna li huwa kien kontinwament jaqra l-Bibbja u jfissirha kif tfissirha l-Knisja.

Dun Ġorġ kien iħobb il-Bibbja għax fiha kien jara l-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu. Infatti lill Vanġelu huwa sejjaħlu "Leħen il-maħbub". Fil-Bibbja kien jara l-fundament tal-fidi Kattolika kif mgħallma minn ommna l-Knisja Mqaddsa. Għalhekk permezz tal-



Bibbja flok biegħed il-poplu mill-fidi Kattolika aktar saħħaħha.

Kien iħobb jgħid "Il-Fidi kollox". Il-messaġġ tiegħu jgħodd ukoll għal żmienna. Jekk naqraw il-Bibbja għal kurżità bla fidi, ma tkunx ta' siwi spiritwali. Mill-banda l-oħra jekk naqrawħa bil-fidi tħalli bosta frott li jibqa' u jgħaddi għal għand l-oħrajn.

**Angelo Xuereb**

XUEREB Fish Shop
Fresh and Frozen Fish
Qala Road, Nadur - Tel: 565616
OPEN Monday to Saturday:7.30 - 12.00 p.m.




# X'SAR S'ISSA

• **2 ta' Jannar:** sar il-Ġublew tat-Tfal bis-sehem ta' aktar minn 130, 000 tifel u tifla li ħonqu Pjazza San Pietru fejn il-Papa kellimhom u ċċajta magħhom. Kien preżenti t-team tar-Roma li ħallas l-ispejjeż tal-vjaġġ ta' numru ta' tfal foqra minn pajjiżi diversi.



• **12 ta' Jannar:** il-Papa għamel diskors lil għadd ta' żgħażagħ lajċi missjunarji. Meta l-mexxej tagħhom Ernesto Olivero f'ħin minnhom qal lill-Papa "Grazzi ta' l-età kbira tiegħek", il-Papa waqqfu u qallu: "Imma jien m'iniex xiħ!".

• **20 ta' Jannar:** 6,000 pulizija urbani nġabru fi Pjazza San Pietru biex jiċċelebraw il-Ġublew tagħhom.

• **2 ta' Frar:** madwar 20,000 persuna ta' ħajja kkonsagrata ċċelebraw il-Ġublew tagħhom mal-Papa.

• **12 ta' Frar:** mal-35,000 marid ħadu sehem fil-Ġublew tal-Morda.

• **18 ta' Frar:** mat-3000 artist mid-dinja kollha attendew għall-quddiesa mmexxija mill-Kard. R. Etchegaray, fl-okkażjoni tal-Ġublew ta' l-Artisti.

• **20 ta' Frar:** 2000 djaknu attendew għall-Ġublew tad-Djakni Permanenti.

• **28 ta' Marzu:** lid-dentisti li marru Ruma għall-Ġublew tagħhom, Ġwanni Pawlu II qalilhom li xogħolhom mhux biss ta' natura teknika imma ta' karita' għax f'għajrhom għandhom jaraw wiċċ Kristu.

• Fil-bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa **(16-23 t'April)**, il-Papa ltaqa' ma' 50,000 ruħ, l-aktar żgħażagħ li kienu qed jiċċelebraw il-jum tagħhom fid-djoċesijiet tad-dinja.

• **1 ta' Mejju:** eluf ta' ħaddiema, għadd ta'mexxejja politiċi u ta' trade unions attendew għall-Ġublew tal-Ħaddiema. Saret laqgħa kbira fil-grounds ta' l-Università ta' Tor Vergata ta' Ruma. Il-Papa tenna l-appell biex jinħafru d-djun tal-pajjiżi foqra.

• **7 ta' Mejju:** fl-isfond tal-Kolossew, tfakkru l-martri ta' l-aħħar seklu, li skond il-Papa hu l-aktar wieħed li kellu martri. Il-Kummissjoni tal-Ġublew għall-Martri Ġodda diġa' reġistrat aktar minn 12,600 martri.

• **4 ta' Ġunju:** Ġublew tal-Ġurnalisti.

**X'Għad baqa' jsir sa l-aħħar tal-Ġublew**

- 15 t'Awissu: Ġublew taż-Żgħażagħ.
- 10 t' Settembru: Ġublew ta' l-Għalliema Universitarji.
- 8 ta' Ottubru: Ġublew ta' l-Isqfijiet.
- 15 ta' Ottubru: Ġublew tal-Familji.
- 29 ta' Ottubru: Ġublew ta' l-Isportivi.
- 5 ta' Novembru: Ġublew ta' l-Amministrazzjoni Pubblika.
- 12 ta' Novembru: Ġublew tal-Ħaddiema fl-Agrikoltura.
- 19 ta' Novembru: Ġublew tal-Pulizija u Militar.
- 3 ta' Diċembru: Ġublew tal-Persuni b'diżabilita'.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Is-Sisien Tat-Tagħlim Soċjali Tal-Knisja

# 4. Il-jeddijiet tal-bniedem matul iż-żminijiet - 2

mill-E.T. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex



**Żmien l-istati totalitarji**

Is-seklu għoxrin kellu x-xorti ħażina li jirreġistra fl-istorja tiegħu l-preżenza u l-attività tal-Istati Totalitarji. Biżżejjed insemmu n-Naziżmu, il-Faxxiżmu u l-Istaliniżmu. Illum f'ċerti stati tal-Amerika Latina jeżistu r-reġim tas-Sigurtà Nazzjonali, bi gvern militari u dittatorjali. Dawn l-istati totalitarji jiċħdu l-awtonomija morali u responsabilta' tal-bniedem bħala persuna u fid-deċiżjonijiet tagħhom huma mmexxija mill-kriterju tal-utilitarjaniżmu; dak kollu li jiswa għall-pajjiż jew għall-istat, huwa tajjeb jew għall-inqas tollerat. It-teżi ta' Hitler kienet: "What is useful to my own people, is just", u dik ta' Lenin "What is useful to the party, the vanguard of the proletariat, is moral." Jekk wieħed jimxi bi kriterji bħal dawn, id-drittijiet umani jiġu ssagrifikati.

**Id-Dikjarazzjoni tal-U.N.O. ta' l-1948**

Fl-1948, ġiet ifformulata u ppublikata d-dikjarazzjoni dwar id-drittijiet umani, mill-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda (U.N.O.). Però, dik id-dikjarazzjoni mhix perfetta u hemm raġuni għal dan in-nuqqas ta' perfezzjoni: Dik l-istqarrija mhix ħlief il-kompromess bejn żewġ mentalitajiet opposti, il-mentalità tal-pajjiżi ħielsa u dik tal-pajjiżi li kienu dominati mir-Russja Sovjetika. Madanakollu dik id-dikjarazzjoni tiġbor fiha sett ta' prinċipji validi, li huma kkunsidrati bħal wieħed mill-prodotti importanti tal-Ġnus Maqgħuda. Id-Dikjarazzjoni Universali tal-jeddijiet umani adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda (U.N.) fl-10 ta' Diċembru 1948, saret bit-tama li l-membri tal-komunità nternazzjonali joqogħdu għaliha. Fiha 30 artiklu. Fl-ewwel artiklu jingħad li "l-bnedmin kollha jitwieldu ħielsa u ugwali fid-dinjita' u fil-jeddijiet. Huma għandhom ir-raġuni u l-kuxjenza u għandhom iġibu ruħhom ma' xulxin fi spirtu ta' fraternita'."

Hemm ħafna konvenzjonijiet u dikjarazzjonijiet oħra, barra mid-Dikjarazzjoni Universali, li jittrattaw problemi speċifiċi konnessi mal-jeddijiet umani.



**Gruppi terroristiċi**

Dak is-seklu, barra miż-żewġ gwerer li għadda minnhom, kellu wkoll id-diżgrazzja li jġarrab l-esperjenza tal-gruppi terroristiċi. Dawn kienu jissemmew ħafna fl-Italja, u fil-Ġermanja, iżda ma hemm ebda garanzija li għada pitgħada ma jixterdux f'pajjiżi oħra tad-dinja. Huma differenti għaliex l-iskop

determinat li għalih iħabirku m'huwiex l-istess. Xi wħud għandhom bħala għan tagħhom dak li jiksbu l-indipendenza ta' pajjiżhom mill-ħakma barranija, jew li tiġi rikonoxxuta s-sovranità tiegħu. Oħrajn, bħal ma kienu l-Brigate Rosse fl-Italja, jidher li kellhom bħala skop tagħhom dak li jwaqqgħu l-istat liberali bbażat fuq il-liġi, għaliex jikkonsidrawh bħal l-agħar poter ripressiv. Minn għalihom li l-Istat kif inhu mfassal attwalment, mhux qed jiggarantixxi l-jeddijiet umani, u l-anqas qed jgħin fil-promozzjoni tal-bniedem, iżda għall-kuntrarju qed joħnoqlu kull libertà. Għalhekk iridu jwaqqgħu l-istat biex, kif igħidu huma, joħolqu soċjetà ġdida li fiha l-bniedem igawdi d-drittijiet tiegħu.

Din il-ħolma tagħhom, li joħolqu anarkiji, mhux biss hija ħolma mpossibbli, iżda wkoll perikoluża ħafna, kif jidher mill-ħafna ħsara u vittmi umani li għamlet diġa` f'diversi pajjiżi. Barra minn hekk, dawn il-gruppi terroristiċi, kienu jużaw l-istess makkjaveliżmu u l-istess repressjoni li jużaw l-Istati Totalitarji u li huma, qalu li jikkundannawh biex jaslu għall-iskop tagħhom. Għalihom kull mezz huwa leċitu anke l-qtil u sabotaġġ.

### The European Convention on Human Rights(E.C.H.R.)

Il-konvenzjoni Ewropea tal-jeddijiet umani (E.C.H.R.) ġiet adottata fl-1950 u affetwata fl-1953 mill-Kunsill ta' l-Ewropa. Fl-1996 kien hemm 25 stat Ewropew membri tagħha. Ħafna mill-jeddijiet imsemmija fid-Dikjarazzjoni Universali tal-jeddijiet



umani, huma prodotti wkoll f'din il-konvenzjoni. Mill-E.C.H.R., tnisslu l-Kummissjoni Ewropea tal-jeddijiet umani u l-Qorti Ewropew tal-jeddijiet umani li għandhom s-sede tagħhom fi Strasbourg fi Franza.

### Id-Dokument ta' Helsinki fl-1975

Fl-1975, bil-għan li tonqos it-tensjoni bejn il-Lvant u l-Punent, 35 nazzjon iffirmaw dokument f'Helsinki li kien il-frott ta' tliet snin xogħol tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Koperazjoni fl-Ewropa. F'taqsima ta' dan il-Att, il-firmatarji u fosthom l-Unjoni Sovjetika, intrabtu li jirrispettaw l-jeddijiet umani fundamentali, fosthom "il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon, tat-twemmin u tat-tixrid iktar ħieles ta' l-informazzjoni." Iżda kien hemm xi pajjiżi li m'aċċettawx dan id-dokument.


Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 560331

OUR PIZZA OVEN SPEAKS ITALIAN

SMUGGLER'S CAVE
Bar • Restaurant • Pizzeria
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 551005 - 551983



drawwiet missirijietna

Anton F. Attard

# IL-FOLKLOR TAL-FESTA TA' SANTA MARIJA

Il-festa ta' Santa Marija Assunta f'Għawdex tiġi ċċelebrata bl-akbar pompa u solennita' fil-knisja ewlenija tal-gżira, dari msejħa l-Matriċi, illum il-Kattidral. Din il-festa hija, bla dubju ta' xejn, l-akbar waħda ta' Għawdex minn ħafna aspetti u dan kien hekk sa mill-qedem. Ma jistax jonqos, mela, li ma' din il-festa hemm ukoll marbutin bosta drawwiet u tradizzjonijiet folkloristiċi, kif ukoll twemmin ieħor, li lkoll waslu għandna minn żminijiet tassew antiki.

**Is-Sena tal-Biedja**

Għawdex huwa gżira agrikola. Ma' dan jaqbel kulħadd. Is-sena tal-biedja tispiċċa sewwa sew f'nofs ix-xahar ta' Awissu. Dan l-aħħar xi ħadd fettillu jgħid li s-sena tal-biedja tispiċċa fl-aħħar ta' Awissu. Dan hu għal kollox żbaljat u inkorrett. Ir-raġunijiet huma dawn:

Il-ħlasijiet tal-qbejjel jagħlqu fil-15 ta' Awissu (xi drabi bi ħlas ieħor fil-Milied) u jitħallsu sewwa sew dak in-nhar meta l-bidwi jkun ġabar l-egħlejjel kollha u jibda' jaħseb biex jaħdem u jiżra r-raba' għas-sena li jkun imiss. Dan il-fatt huwa mfakkar fil-proverbju li jgħid:

***Santa Marija ta' nofs Awissu***
***u kulħadd jieħu li jmissu.***

Il-bdiewa tagħna għandhom ukoll din il-għanja ħelwa li tfakkarhom fid-dmir tagħhom lejn is-sidien ta' l-egħlieqi:

***Xi mwaħħra jew bikrija***
***ħlas il-qbiela dejjem jasal***
***malli tfeġġ Santa Marija.***

Iżda l-qbejjel jistgħu ma jiġġeddux. Dan isir biss b'effett mill-15 ta' Awissu, u skond il-liġi, is-sid irid javża lill-bidwi sa mhux inqas minn tliet xhur qabel, jiġifieri mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju. Dan hu hekk mhux biss għaliex il-qbiela tagħlaq f'Santa Marija, imma wkoll għax f'din il-festa l-bidwi jkun laħaq ġabar kollox mir-raba' tiegħu, u għalhekk dan ikun jista' jingħata lura lis-sid bl-inqas tbatija għalih.

Ma ninsewx ukoll li bejn il-festa ta' Santa Marija u l-aħħar ta' Awissu jinżara' l-ewwel wiċċ tas-sena tal-biedja - is-silla. Dari s-silla kienet wiċċ importanti għall-bdiewa tagħna. Il-Maltin kienu jiġu jieħdu ż-żerriegħa minn hawn għaliex is-silla hija prodott Għawdxi per eċċellenza u, għal raġunijiet naturali, il-Maltin kienu jġeddu l-kwalita' tas-silla billi jieħdu ż-żerriegħa minn Għawdex.

L-ewwel xita ta' l-istaġun il-ġdid tkun mistennija għal San Bartilmew li l-festa tiegħu taħbat fl-24 ta' Awissu. Is-sena tal-biedja, għalhekk, hija bbażata mhux fuq il-kalendarju annwali, iżda fuq it-temp. Kif jaf kulħadd, il-festa ta' Santa Marija għandha rabtiet speċjali mat-taqlib tat-temp kif se naraw.

**Il-Festa ta' Santa Marija u t-Temp**

Fix-xahar t'Awissu, it-temp tas-sajf imiss ma' dak tal-ħarifa u mill-istaġun tan-nixfa ngħaddu ħelu ħelu għall-istaġun tax-xita. Għalhekk il-qawl igħid:

***Awissu,***
***ix-xemx taħarqu***
***u x-xita tmissu.***

Infatti, għal nofs ix-xahar, is-sema kultant jissaħħab. Dan is-sħab li donnu jieqaf u ma jkunx irid imur minn fuq dawn il-gżejjer jissejjaħ "L-Għarixa ta' Santa Marija". L-Għarixa ta' Santa Marija hija wkoll imfakkra f'din il-għanja ħelwa:

***Sikwit toħroġ il-għarixa***
***għax waslet Santa Marija,***
***ja ħanina, fittex oħroġ***
***ħa narak fil-gallerija.***

F'Awissu, meta tgħaddi l-festa ta' Santa Marija, stenna kollox. L-Għawdxin igħidu, "Wara Santa Marija jibda jbambal", jiġifieri jistgħu jagħmlu l-maltempati bir-ragħad. Iż-żiffa tibda wkoll titqawwa u l-baħar isir biċ-ċafċifa, għaxskond qawl ieħor:

***F'Awissu,***
***il-baħar tisma' ħissu.***

Għal Santa Marija taż-Żebbuġ tagħmel dik il-majjistralata ħelwa li ħafna drabi ġġiegħel liż-żebbuġin jiffesteġġjaw il-festa tagħhom mingħajr bnadar.

## Festa tal-Frott

Is-sajran tal-frott huwa wkoll marbut mal-festi prinċipali li fihom jibda jilħaq għall-qtugħ. Hekk, ngħidu, "Bajtar ta' San Ġwann", jew "San Mikiel qtigħ ir-rummien", inkella "Sant'Anna u San Ġakbu, it-tin ibexxaq fommu".

Il-festa ta' Santa Marija hija l-festa tal-frott. Mhux xi frotta partikolari, iżda l-biċċa l-kbira tal-frott li jkollna fis-sajf. U hawn ma rridux ninsew li dari ma kienx hawn serer tal-ħġieġ li fihom ikabbru l-prodotti barra minn żmienhom. Dari kien kollox naturali. Hekk, mela, f'Santa Marija jsir it-tin, il-parsott, il-bajtar tax-xewk, il-ferkizzan, il-ħawħ (imwaħħar), il-għajnbaqar (imwaħħar), it-tuffieħ, id-dulliegħ, il-bettiħ, il-għeneb, il-ħarrub u bosta frott ieħor.

Bħalma f'San Ġwann ikollna dawk l-insetti msejħin "imsiebaħ il-lejl", f'Santa Marija jkollna l-urieżaq igħannu l-ġurnata kollha kemm hi twila ħalli jfakkruna li f'din il-festa l-għeneb isir jew jibda jiblieq, u allura nistgħu nibdew naqtgħu minn din il-frott bnina għal fuq il-mejda.

Fil-logħob it-tfal jagħmlu l-fanali tad-dulliegħ f'disinji mtaqqbin fuqhom bin-*Nome di Maria*, slaleb tal-kavallieri, ix-xemx, il-qamar u l-kwiekeb.

## Leġġendi

Għandna wkoll diversi leġġendi marbuta ma' din il-festa u mal-Knisja Kattidrali fejn tiġi ċċelebrata.

Is-Seba' Mwiet - Din il-leġġenda tgħid li ta' kull sena, matul il-kwindiċina jmutu sebat erwieħ tajba, aktarx tfal imfarfrin. Lil dawn il-Madonna teħodhom magħha l-ġenna nhar il-festa tagħha fil-15 ta' Awissu.

L-Infern Magħluq - Leġġenda oħra tgħid li nhar il-festa ta' l-Assunta fil-15 ta' Awissu, l-infern jagħlaq. Naturalment, dan hu kliem simboliku u jfisser, skond it-twemmin tal-Għawdxin, li l-Madonna ma tippermetti qatt li fil-jum għażiż li fih ġiet meħuda fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem, imqar ruħ waħda biss tmur l-infern. Għalhekk, jingħad li kulmin imut fil-15 ta' Awissu, jaqla' grazzja speċjali u jsalva żgur!

Il-Bini tal-Knisja - ħafna snin ilu l-knisja ta' l-Assunta fil-Kastell kienet fi stat ħażin ħafna u l-Għawdxin qatgħu li jibnu knisja ġdida. Imma riedu jibnuha fuq il-Għolja ta' Gelmus. Għalhekk, ġarru ħafna ġebel fuq dik il-għolja biex hemm jibnu l-knisja l-ġdida. Iżda, b'għaġeb ta' kulħadd, fil-ġurnata li fiha kellu jibda l-bini, il-ġebel instab fil-post fejn illum hemm il-Kattidral.

X'kien ġara? Il-leġġenda tkompli tgħid li l-Madonna ġarret il-ġebel b'miraklu għax hemmhekk riedet li tinbena l-knisja l-ġdida tagħha, kif fil-fatt sar.

Deheb fil-Qanpiena ż-żgħira - Meta kienu qegħdin jagħmlu l-qniepen tal-Knisja Matriċi, illum Kattidral, daħlet fil-funderija mara sabiħa li ħadd ma kien jaf min hi jew minfejn ġiet. Din is-sinjura kellha ħodon deheb u hija xeħtitu fl-inħasa fejn kienet qiegħed tinħadem il-qanpiena ż-żgħira, imbagħad għabet. Il-Għawdxin jemmnu li dik il-mara kienet il-Madonna nfisha li xeħtet id-deheb fil-qanpiena tal-knisja tagħha. Għalhekk din il-qanpiena għandha leħen hekk ħlejju u tindaqq matul il-kwindiċina u l-festa ta' Santa Marija. (Nota: Din m'hijiex il-qanpiena ż-żgħira li tindaqq kull jum, imma l-oħra li kienet tintuża fil-moti tal-festa. Illum dan l-użu nqata').

Deheb fil-Qanpiena l-Kbira - Nhar il-festa ta' Santa Marija leħen il-qanpiena l-kbira tal-Kattidral ta' Għawdex




*Iċ-Ċitadella t'Għawdex skond disinn tas-seklu 18*

jinstema' wisq isbaħ u armonjuż minn kif jinstema' f'festi oħra ta' matul is-sena. Għaliex jiġri dan?

Il-Għawdxin igħidu, u dan ilhom jemmnuh mill-antik, li f'nofs il-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Awissu, il-Madonna tinżel mis-sema fil-glorja kollha tagħha, tieqaf fuq il-Knisja Matriċi, tiftaħ il-mant tagħha u tferra' minnu ħodon deheb ġewwa l-qanpiena l-kbira.

Dan it-tagħrif jinsab miġbur f'din l-istrofa ħelwa:

***Fil-ħmistax t'Awissu tinżel***
***il-Madonna kollha ħniena***
***u mill-mant tferra' bil-ħlewwa***
***ħodon deheb ġewwa l-qanpiena.***

## It-Tiġrija ta' Santa Marija

Il-qawl Għawdxi jgħid:

***Twelid f'Santa Marija***
***jiġi msejjaħ għat-Tiġrija.***

Dan ifisser li min jitwieled nhar Santa Marija jsir ġerrej taż-żwiemel għaliex f'Għawdex dan id-divertiment folkloristiku u tradizzjonali hu marbut bl-iżjed mod intimu ma' din il-festa. Talbilħaqq, it-tiġrijiet tal-bhejjem f'Għawdex jafu l-bidu tagħhom f'din il-gżira b'rabta speċjali ma' din il-festa.

Irridu niftakru wkoll li f'Malta l-ewwel tiġrija, dik ta' Santu Rokku f'tal-Pjeta', saret bħala wegħda mill-Gran Mastru Verdala u l-abitanti kollha tal-gżira bħala ringrazzjament għall-ħelsien mill-pesta li ħakment lil dik il-gżira fl-1593. Dwar it-tiġrija ta' Santa Marija f'Għawdex, skond l-Istoriku Għawdxi r-Rev. Dr Joseph Bezzina, insibu li l-Universita' jew Gvern ta' Għawdex kienet għamlet laqgħa ta' importanza kbira fil-10 ta' Lulju, 1587. Fil-laqgħa ta' dak in-nhar l-Universita' ta' Għawdex għoġobha tibda tagħti tliet paljijiet fis-sena għat-tiġrija ta' Santa Marija u nediet regolamenti speċjali biex tħajjar iktar bhejjem għall-festa ta' Santa Marija u bis-saħħa ta' hekk iżżid il-għadd tal-bhejjem fil-kavallerija ta' Għawdex. Fil-qosor ir-regolamenti kienu jgħidu li setgħu jidħlu għat-tiġrija bhejjem tal-Għawdxin biss. Jekk għall-istess tiġrija xi ħadd jitħajjar iġib bhejjem minn Malta, dawn kellhom jitħallew hawn Għawdex għall-użu tal-kavallerija.

Il-Gvern għadu sa llum iħallas parti mill-ispejjeż tat-Tiġrija ta' Santa Marija.

Skond l-istoriku Għawdxi Agius de Soldanis, fl-1738 fil-festa ta' l-Assunta "fil-għaxija saru t-tiġrijiet tal-ħmir, tal-bgħula, taż-żwiemel bix-xarretti u tan-nies, għax iż-żwiemel jinżammu għall-festa tal-Vitorja, u ngħataw paljijiet sbieħ bħala premijiet."

Xi drabi fl-antik il-Gran Mastru nnifsu kien jiġi Għawdex biex iqassam il-premjijiet lir-rebbieħa tat-Tiġrija ta' Santa Marija minn fuq il-Barrakka.

Fi Triq it-Tiġrija, illum Triq ir-Repubblika, kien hawn tliet pari plieri tat-tiġrija minfejn jitilqu l-ħmir, il-bgħula u ż-żwiemel.

Minbarra t-tiġrijiet tal-bhejjem kien hawn ukoll it-tiġrijiet tan-nies, u għad fadal nies min jiftakarha. L-irġiel kienu jitilqu minn ftit 'l fuq minn Triq il-Palma. Dawn ma kinux jirbħu paljijiet, imma fuq il-lasta tal-palju kien ikun hemm salib, u ma' l-erbat itruf tiegħu kien ikollu mdendlin buxakka jew terħa, beritta milsa, kappell u ċintorin.

Għat-tiġrijiet tal-bhejjem kienu jsiru l-provi minn xahar qabel (illum isiru darba jew darbtejn biss), u kienu jsiru kemm fil-għaxija u kemm fil-għodu. Provi oħra kienu jsiru fit-Triq tal-Għonq.

Il-għoti tal-paljijiet bħal premijiet huwa mfakkar f'din il-għanja folkloristika:

*Ġanna l-bagħla ħadet l-ewwel,*
*paljijiet ma tawha xejn,*
*tawha daqqa ta' marżebba*
*u kisrulha saqajha t-tnejn.*

**Il-Wirja ta' Santa Marija**

Il-Wirja Agrarja u Industrijali ta' Santa Marija li llum tiġi organizzata fil-ġonna ta' Villa Rundle, il-Mall, taf il-bidu tagħha mis-sena 1855 bis-saħħa tas-Soċjeta' Għawdxija "Comitato Mostra Agricola Industriale". Fl-1945 l-isem ta' din il-għaqda nbidel f'dak ta' "Gozo Agricultural and Industrial Show Committee".

B'dankollu, hawnhekk wieħed ma jridx jinsa jfakkar li, saħansitra fi żmien il-Kanonku Agius de Soldanis, f'Santa Marija kienet tiġi organizzata fiera ta' ħxejjex u xejxi oħra, kif igħarrafna l-istess kittieb. Din il-fiera kienet issir fit-Telgħa tal-Belt l-antika qabel ma sar it-taraġ li hemm illum u li kien sar fis-seklu dsatax.

Qabel ma kienet teżisti l-Villa Rundle, il-Wirja kienet issir fl-Iskola tal-Gvern tal-Vajringa. Wara t-tieni Gwerra Dinjija ġiet trasferita għall-ġonna ta' Villa Rundle.

Il-Wirja ta' Santa Marija, li tkun miftuħa għall-pubbliku fl-14 u l-15 ta' Awissu, hija verament festa tal-biedja u l-folklor Għawdxi. Fiha naraw kull xorta ta' prodotti tar-raba', annimali u oġġetti ta' l-artiġjanat u l-industrija tradizzjonali u tas-snajja' tal-gżira Għawdxija.

Ġieli wkoll jiġi organizzat konkors tal-għana.

Il-Premjijiet jitqassmu nhar Santa Marija fil-għodu mill-President tar-Repubblika, dari mill-Gvernatur.

**Il-Festa Reliġjuża**

Biex wieħed ikun jaf kemm hija kbira l-festa ta' Santa Marija biżżejjed ngħidu li, minbarra li hi festa kkmandata, dari din kienet l-unika festa titulari bil-Vġili (ġurnata sawm u astinenza f'lejlet il-festa) u bl-Ottavarju (jiġifieri tmint ijiem priedki wara Jum il-Festa) b'solennita' kbira u bit-tmien jum imsejjaħ l-Ottava ta' Santa Marija meta kienet issir ukoll id-depożizzjoni tar-Relikwa. Illum dawn spiċċaw.

F'Għawdex (u anki f'Malta) kien hawn kwantita' kbira ta' knejjes u kappelli ddedikati lill-Assunta, u f'Malta, matul il-lejl f'lejlet il-festa kien hemm id-drawwa ta' pellegrinaġġi ta' penitenza tas-Seba' Santamarijat.

Santa Marija Assunta kienet ġiet ukoll maħtura bħala Patruna Speċjali ta' Malta u Għawdex.

Nhar il-festa, fil-knisja jsiru l-funzjonijiet pontifikali għax jitmexxew mill-Isqof.

Sa l-1955, il-purċissjoni kienet toħroġ fil-għodu, tgħaddi mit-toroq tal-qalba tar-Rabat, tidħol fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn kienet tindaqq l-antifona ta' dan il-qaddis megalomartri bħala turija li din il-knisja kienet magħduda ħaġa waħda mal-Matriċi, imbagħad terġa' toħroġ u tibqa' sejra lejn il-Kattidral.

Fi żmien il-Kavalieri ta' San Ġwann l-ogħla dinjitarji tal-Knisja u tal-Gvern kienu jieħdu sehem.

Illum il-purċissjoni ssir fil-għaxija bis-sehem ta' l-Isqof u tal-Kapitlu, kif ukoll bl-akkumpanjament tal-Banda "Leone". Kemm fil-Matriċi kif ukoll f'xi knejjes oħra, dari kienu jżewġu x-xbejbiet nhar Santa Marija u jagħtuhom id-dota.

Il-Kappillani ta' l-ewwel parroċċi ta' Għawdex, fil-quddiesa solenni ta' nhar Santa Marija, kienu joffru xemgħa bajda ta' libbra lill-Arċipriet tal-Matriċi bħala sinjal ta' qima u sottomissjoni lejh. Illum dan l-obbligu m'għadux jitwettaq.

Sa ftit żmien ilu kienu wkoll ixerrdu l-weraq tal-ħarrub mal-qiegħa ta' l-art tal-knisja biex ikabbar l-ispirtu festiv ta'dan iż-żmien.



**Il-Festa ta' Barra - it-Trijonf tal-Folklor Għawdxi**

Il-festa ta' barra ta' Santa Marija minn dejjem kienet teżisti tant li fl-istorja nsibu li fl-1598 it-Torok ħabtu għal Għawdex għal għarrieda u sfrattaw din il-festa.

B'dana kollu l-festa kif nafuha llum kibret u żviluppat minn mindu s-Soċjeta' Filarmonika "Leone" ġiet fdata bl-organizzazzjoni tal-festi esterni, bi dritt, mill-Isqof ta' Għawdex, Monsinjur Fra. Giovanni Marija Camilleri, O.S.A, fl-1897.

It-toroq ewlenin tar-Rabat u tal-Gran Kastell jiġu mżejna bil-festuni u l-paviljuni tad-dawl, pedestalli, kolonni, u pilastri bl-istatwi tal-qaddisin u ta' l-anġli, pilandri bid-dwal u trofej bil-bnadar ikkuluriti, antaljoli bl-alabardi bis-slaleb tal-kavalieri armati bil-bnadar, pendenti u bandalori, u fil-Pjazza tat-Tokk jintramaw ukoll il-planċier u l-palk għall-baned, kif ukoll il-pedestall il-kbir imsebbaħ b'erba' profeti biex fuqu titqiegħed l-istatwa ta' barra ta' Santa Marija fil-jum tad-dimostrazzjoni fit-13 ta' Awissu.

Kelma dwar id-dwal. Illum il-mixegħla ssir bid-dawl elettriku. Dari kienet issir bit-tazzi taż-żejt ikkuluriti,

imdendlin mal-faċċati tal-knejjes u bini ieħor, u ma' arkati tal-ħadid fit-Tokk u f'postijiet oħra.

Matul il-jiem tal-festa jiżżanżan sett ta' marċi ġodda u jsiru diversi marċijiet mat-toroq ewlenin tar-Rabat, l-aqwa erba' fosthom dak tad-dimostrazzjoni, ta' lejlet il-festa, ta' fil-għodu nhar Santa Marija u l-marċ ta' l-aħħar. Dan il-marċ ta' l-aħħar huwa wieħed folkloristiku għax ikun akkumpanjat minn mixegħla tal-fanali "a la venezjana", fanali l-ġmiel tagħhom kollha lwien li jagħtu dehra tassew impressjonanti f'għeluq il-festa.

Wieħed ma jridx jinsa li waqt li jkun għaddej il-marċ jintefgħu kwantita' kbira ta' karti u smontor imqattgħin (kunfetti), kif ukoll fuljetti b'xi sunett jew poeżija fuqhom biex iżidu l-ferħ u l-allegrija tal-festa.

**Logħob tan-Nar**

Il-logħob tan-nar tal-festa ta' Santa Marija hu xi ħaġa li tispikka ħafna. Festa bla nar m'hix festa. Iżda n-nar jista' joħroġ ħażin u bih ikorru n-nies. Għalhekk, id-dilettanti jsostnu:

**In-nar,**
**jaħdmu l-bniedem**
**u jaħarqu x-xitan.**

Hemm żewġ xorta ta' nar, dak ta' l-art u l-ieħor ta' l-ajru. In-nar ta' l-art jissejjaħ ġiġġifogu u fid-dimostrazzjoni n-nar jinħaraq fi Triq ir-Repubblika hi u għaddejja l-istatwa ta' Santa Marija. Jinħaraq ukoll fi Pjazza Savina lejlet il-festa, u naraw ukoll minbarra l-irdieden, il-miġnuna, il-fxiefex, it-tapit, stoppini, funtani u trikki-trakki. Matul il-marċijiet ġieli jinħarqu kwantita' kbira ta' sfafar biex iżidu l-briju. Tinħaraq ukoll il-musketterija minn fuq il-bjut. In-nar ta' l-ajru jissejjaħ murtali u kaxxa nfernali.

Il-kaxxa nfernali u l-musketterija jiġu sparati meta jkun ħiereġ il-marċ, il-purċissjoni tat-Translazzjoni u ta' nhar il-festa, kif ukoll wara li jindaqq l-innu. Meta l-istatwa ta' Santa Marija titfaċċa fil-bieb tal-knisja jiġu sparati wieħed u għoxrin tir jew murtalett bħala "salut". Il-kaxxi nfernali ta' bin-nhar ikun fihom il-bomba, l-ispanjola, is-sfafar u l-murrtaletti, u dawk tal-kulur ta' bil-lejl ikun fihom bombi tal-ftuħ ta' bosta lwien, il-bomba sfera, sfejjer, serpentelli, beraq pront u mutaletti tal-kulur, blalen, imsielet, u fl-aħħar nett prexex jew refgħat li jixegħlu s-sema u jgħaxxqu lil kulħadd bil-ġmiel tagħhom.

Matul il-marċijiet u l-purċissjoni jiġu sparati murtali tal-bomba tal-wieħed wieħed, murtaletti, "slices", murtali tal-ftuħ kbar, u anki stoppini.

Dari kienu jisparaw ukoll il-murtaluni tal-ġelatina u fl-antik il-maskli tal-porvli minn fuq is-sur li kien iħallas għalihom il-Gvern.

Fuq il-bjut ta' beltna naraw bnadar kbar u oħrajn ta' kull qies bl-arma tal-Madonna fuqhom inkella bl-istampa ta' Santa Marija jew tal-Ljun. Minħabba l-kobor ta' dawn il-bnadar l-arbli jkunu marbutin tajjeb bil-ventijiet u bl-alzarun (pupress). Bil-lejl jinxtegħlu l-festuni.

Fit-toroq wieħed ikun jista' jara kull xorta ta' bejjiegħa bħal tal-pastizzi, tal-pizza, tal-pop corn, taċ-chips, tal-ġelat, tal-qubbajt, tar-ruġġjata u saħansitra tal-granita bil-bezzun u l-mejda l-antika! Dan ifakkarna fil-bejjiegħ ta' l-ilma li dari kien idur bil-bettija fuq ġenbu, u jagħtik tixrob minn tazza komuni. Il-ħwienet tax-xorb ibiegħu kwantita' 'record' ta' spirti u birra, u fi djarhom in-nies jippreparaw ikla tajba.

**Piki Parrokkjali**

Matul il-marċijiet tal-festa jkun hemm ukoll ħafna piki parrokkjali. Dawn jiżdiedu jew jonqsu skond iż-żmien. Il-partitarji jkollhom f'idejhom kull xorta ta' tabelli, figuri, bnadar u stendardi, umbrelel, bżieżaq, statwetti ta' ljuni bil-gażaża, krafes u qara' twil! Il-piki parrokkjali tal-festa ta' Santa Marija għandhom ukoll element folkloristiku għaliex bis-saħħa tagħhom isir ħafna tqabbil u poeżiji. Iżda meta jkunu esaġerati, itellfu ħafna mill-gost tal-festa speċjalment tan-nies li jkunu ġew minn barra u minn inħawi oħra, u li dawn il-piki ma jifhmuhomx.

Nagħlqu bħalma bdejna: il-festa ta' Santa Marija Assunta fil-belt Għawdxija hija l-akbar, l-aqwa u l-isbaħ festa tal-Għawdxin.

Little WALKERS

Select from a wide range of clothes, imported from the U.K., for all occasions, from babies to teenagers, at SPECIAL PRICES

Open Mon-Fri 8a.m.-12p.m.
4p.m.-7p.m.
Sat 8a.m.- 12p.m.
5p.m. -7p.m.

(Across the street from Xaghra Primary School)

Racecourse Street, Xaghra, Gozo. Tel/Fax: 565890 Tel:560917



# IR-RUMANI (2)

**Il-Gżejjer Maltin taħt ir-Rumani**

Wara li fil-ħarġa ta' Ġunju/Lulju tajna ħarsa ħafifa lejn l-istorja ta' Ruma, issa ser naraw kif din is-setgħa Rumana daħlet fil-kredu tal-ħajja Maltija. Kien fl-ewwel Gwerra Punika (il-ġlied bejn ir-Rumani u l-Kartaġiniżi) x'aktarx fis-sena 257 jew aktar probabli fis-sena 255 q.K. meta skond Nevju, il-flotta navali Rumana kienet sejra lura minn spedizzjoni militari fl-Afrika ta' Fuq qabdet u daħlet fuq il-gżejjer Maltin u ħarbtithom.

Ma huwiex ċar jekk dak inhar ir-Rumani ħadux il-gżejjer taħt il-ħakma tagħhom u wara reġgħu ntgħelbu mill-Kartaġiniżi. Iżda skond Livju, kien fit-tieni Gwerra Punika, fis-sena 218 q.K. li l-ġeneral Ruman Titus Sempronius Longus, wara li attakka u qered lis-sultan Hiero ta' Sirakuża bil-flotta rjali tiegħu b'kollox, kompla jmexxi spedizzjoni navali lejn in-nofs inhar ta' Sqallija biex jikkontrolla dawn in-naħat ċentrali tal-Mediterran. Wasal bil-flotta tiegħu fil-Gżejjer Maltin u l-kmandant Kartaġiniż, Hamilkar bin Ġisko, ċeda mill-ewwel l-armi u ta ruħu b'mirbuħ f'idejn ir-Rumani flimkien mal-elfejn suldat li kellu. Livju jkompli jgħidilna li l-ġeneral Sempronius wara ftit jiem salpa lura lejn Lilybaeum (Marsala fi Sqallija) u ħa miegħu l-priġunieri kollha fejn biegħhom b'ilsiera minbarra dawk li kienu ta' nisel nobbli.

Minn dak inhar il-Gżejjer Maltin saru kolonja oħra taħt il-kappa tal-ħakma Rumana u kellhom jibqgħu hekk għal aktar minn seba' mitt sena. Meta saret din il-bidla fit-tmexxija tal-Gżejjer tagħna, ma jidhirx li kollox kien ward u żahar, altru minn hekk. Kważi ebda ġens li waqa' taħt dik is-setgħa ma ġie meqjus mir-Rumani fl-istess livell tagħhom jew li ħallewlhom jew żidulhom xi jeddijiet li kellhom.

Ir-Rumani x'aktarx li nqdew bil-Maltin u l-portijiet kennija tal-gżejjer tagħna biex ikomplu jissieltu mal-Kartaġiniżi għad-dominanza tal-Baħar Mediterran peress li sa dak iż-żmien dan il-baħar kien għadu maħkum mill-ġens tal-Afrika ta' Fuq. Huma kienu jqisu l-Gżejjer Maltin bħala art mirbuħa. Mill-istorja nafu li Sqallija wara li rebħuha għabbewha b'ħafna taxxi, użawha bħala post ta' eżilju u mkien għall-ilsiera u l-ħabsin. X'aktarx li lill-Gżejjer Maltin messithom l-istess xorti. X'uħud jaħsbu li fl-ewwel żminijiet tal-ħakma Rumana iktar kien hawn ilsiera milli ċittadini ħielsa.

Bejn is-snin 135 u 132 q.K. kif ukoll 28 sena wara kienu qamu rewwixti kbar minħabba l-iskuntentizza kbira li kienet teżisti, ovvjament fost l-ilsiera, u dawn laqtu sewwa lill-Gżejjer Maltin, u għalhekk ma nistgħux nassumu li kien hawn xi ġenna ta' l-art fil-ħajja soċjali taħt it-tmexxija l-ġdida.

M. Tullius Cicero, oratur ta' fama Ruman, isemmi fatt li ġara x'aktarx fiż-żmien imqalleb tal-Gwerer Puniċi, meta ammiral tar-Re Massinissa tan-Numidja niżel Malta u ħarbat it-tempju antik u famuż ta' Ġuno (li llum nafu li kien f'Tas-Silġ, Marsaxlokk). Hu rnexxielu jisraq numru ta' njieb ta' kobor kbir tal-iljunfanti. Imma, l-istorja tkompli tgħidilna li hekk kif ir-Re Massinissa nduna li dawk l-oġġetti ġew misruqa minn post sagru mill-ewwel amar li jerġgħu jittieħdu fit-tempju u jinkiteb (b'kitba Punika) il-każ li kien ġara. Ċiċerun ikompli jgħidilna li l-injieb tal-iljunfanti aktar tard ġew misruqa minn Caius Verres, flimkien ma' numru konsiderevoli ta' trofej tal-avorju u teżori oħra tat-tempju.

Dan Caius Verres kien gvernatur ta' Sqallija, u kien magħruf għas-serq infami li kien iwettaq fil-provinċja li kienet fdata lilu fiż-żmien bejn is-snin 73 u 71 q.K. li dam jokkupa dik il-kariga. Hu kien juża s-saħħa li kellu biex jisloħ lil ta' taħtu somom kbar ta' flus. Minn Malta seraq fost affarijiet oħra erba' mitt ġarra mimlija bil-għasel bnin ta' Malta, numru bla qies ta' xoqqa tal-għażel minsuġ minn idejn il-ħaddiema Maltin,

flus. Minn Malta seraq fost affarijiet oħra erba' mitt ġarra mimlija bil-għasel bnin ta' Malta, numru bla qies ta' xoqqa tal-għażel minsuġ minn idejn il-ħaddiema Maltin, ħamsin kuxin għas-sufani, numru kbir ta' kandilabri li kienu maħduma b'xogħol fin ħafna. Ċiċerun ikompli jikteb li dan Verres qabad ma' ċittadin Malti, ċertu Diodorus, li kien jgħix f'Lilybaeum fi Sqallija, u pprova jisraqlu xi tazzi tal-fidda, li kellhom valur kbir, u li kienu għand qarib tiegħu li kien jgħix f'Malta. Dan Diodorus telaq b'ilġri lejn Ruma biex ifittex l-għajnuna ta' nies influwenti u li setgħu iwaqqfu lil dan il-gvernatur milli jkompli jagħmillu ħsara akbar. Inkomplu naqraw li delegazzjoni magħmula minn rappreżentanti Sqallin kif ukoll Maltin marret Ruma biex tressaq il-kwistjoni kontra Verres quddiem is-Senat Ruman. Kien dan l-istess Ċiċerun li ħa l-każ f'idejh biex jixli lil Verres u għalkemm il-gvernatur ħajjien kellu jiddefendih lill- oratur ta' fama Q.Hortensius, ġie misjub ħati u kellu jaħrab fl-eżilju. Dan kollu seħħ fis-sena 70 q.K.

Imbagħad fl-ewwel seklu qabel Kristu Ovidju isemmi lil Malta bħala art fertili, filwaqt li xi kittieba oħra jitkellmu minn drappijiet tax-xoqqa sabiħ ħafna li kienu jaħdmu l-Maltin kif ukoll jiktbu dwar is-sengħa tal-bennejja Maltin u bil-mod li kienu jibnu u jsebbħu l-bini, bi gwarniċuni mnaqqxa b'reqqa liema bħala.




*Kitba li turi 'l-Għawdex bħala Muniċipju Ruman*

| L-epigrafi bil-Latin taqra: | Maqluba għall-Malti tgħid: |
|---|---|
| M. VALLIO. CF. QVIR.<br>RVFO. EQVO. PUBLICO.<br>EXORNATO. A. DIVO.<br>ANTONINO. AVG. PIO.<br>PLEBS. GAVLITANA. EX<br>AERE. CONLATIO. OB.<br>MERITA. ET. IN. SOLACIVM.<br>C. VALLI. POSTVMI.<br>PATRONI. MVNICIPII.<br>PATRIS. EIVS. | L-Għawdxin ħerqana li jqimu lil Marku Vallju, bin C. Vallju, patrun tal-Muniċipju li kien tgħolla minn Antoninu Piju minħabba egħmilu, għamlu ġabra biex jagħmlulu statwa, imnaqqxa taħt b'kitba, li jfakkar dan biex fl-istess waqt jogħġbu lil missieru. |

## Il-qagħda politika u t-tmexxija

Il-Gżejjer Maltin kienu jagħmlu parti mill-provinċja ta' Sqallija u anke nstabu evidenzi f'muniti tal-bronż li fuqhom hemm stampata l-kelma bil-Grieg *Melitaion* li tfisser "tal-poplu Malti" fuq naħa u fuq in-naħa l-oħra l-isem tal-gvernatur li kien jaħkem fuq Sqallija bejn is-snin 35 u 37 q.K.: Arruntanus Balbus.

L-evidenza li għandna minn għand Ċiċerun fil-każ kontra Verres, kif ukoll minn kitba oħra li kienet imnaqqxa fuq il-ġebel, juruna li fl-ewwel parti ta'l-ewwel seklu qabel Kristu Malta u allura anke Għawdex kellhom status ta' "Civitas Foederata" li tfisser "belt ħabiba" u għalhekk magħquda ma' Ruma, u n-nies tagħhom kienu trattati ta' socji u mhux aktar ta' poplu mirbuħ. Inżidu l-fatt tal-muniti kif diġa rajna aktar 'l fuq, dan ikompli jsostni li f'dan iż-żmien il-Gżejjer Maltin bdew igawdu minn sistema differenti ta' trattament minn kif kienu fl-ewwel sekli tal-ħakma Rumana. Hekk il-Maltin kellhom il-liġijiet lokali tagħhom, il-muniti tagħhom u anke setgħu jibgħatu ambaxxaturi f'Ruma meta kien jinħass il-bżonn.

Insibu wkoll evidenzi f'kitba mnaqqxa li turi li sew Malta (*Melite*) kif ukoll Għawdex (*Gaulos* jew *Gaudos* mnejn x'aktarx ġej l-isem ta' Għawdex) kellhom f'dan iż-żmien *status* ta' muniċipju li juri li sew Malta kif ukoll Għawdex kellhom gvernatur għalihom u hekk kienu indipendenti minn xulxin. Kienet għal din ir-raġuni allura li f'Għawdex instabu wkoll xi muniti bil-kelma Griega *Gauliton* li tfisser "tal-poplu ta' Għawdex".

Kitba oħra li nstabet ħdejn il-monasteru tal-Benedittini fl-Imdina, ssemmi li l-Prim Maġistrat tal-Muniċipju ta' Malta sebbaħ bl-irħam it-tempju dedikat lil Apollo... Il-kitba hija tat-tieni seklu wara Kristu.

Fid-daħla l-qadima taċ-Ċittadella fin-naħa ta'ġewwa fuq ix-xellug inti u dieħel, wieħed jilmaħ ġebla rettangulari tal-qawwi mdaqqsa, mdaħħla fil-mina li turi li l-Għawdxin għamlu din it-tifkira biex jonoraw lill-patruni tagħhom Postimus u t-tifel tiegħu Vallius... Dan jurina li Għawdex f'dan iż-żmien, 150 sena qabel Kristu, kien igawdi l-grad ta' muniċipju.

Mhux magħruf meta l-Gżejjer Maltin akkwistaw li *status* ta' Muniċipju, imma dan seta' seħħ fit-tieni nofs tal-ewwel seklu qabel Kristu, meta l-provinċja ta' Sqallija ġiet mogħtija ċittadinanza Rumana. Iżda hu żgur li kitba bil-Latin misjuba kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex tikkonferma li mat-tieni seklu wara Kristu, iż-żewġ gżejjer kellhom li *status* ta' muniċipju.

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## L-Użu ta' l-Alkoħol fost iż-Żgħażagħ

Figuri reċenti minn stħarrig li sar, juru li n-numru ta' żgħażagħ li qegħdin jesperimentaw bl-alkoħol qed dejjem jiżdied. Huwa fatt ta' tħassib li l-użu tal-alkoħol hawn Malta qed jiżdied konsiderevolment. Iż-żmenijiet jinbidlu, u dak li qabel kien ikkunsidrat bħala xi ħaġa ta' l-okkażjoni waqt xi festin ta' tieġ, illum sar regola ta' kull *weekend*. Il-*parties* saru komuni u ma m'hemmx għalfejn jasal xi *birthday* biex jiġu organizzati.

Hemm ħafna raġunijiet għaliex ġejna f'din is-sitwazzjoni. Ħafna żgħażagħ għandhom l-idea żbaljata li l-alkoħol ma jagħmilx ħsara bħad-drogi. Nies esperti f'dan il-qasam jgħidu li x-xorb jista' jwassal għad-drogi. Żgħażagħ li jixorbu regolari għandhom ċans ta' 22 darba iktar li jibdew jieħdu d-drogi. Il-rabta bejn l-alkoħol u d-drogi hija xjentifikament ipprovata ( Keith Hellawell).

Ħafna mit-tfal tagħna ikun ġa daqu l-alkoħol meta ikollhom bejn il-11 u l-15. Dan minħabba li t-tfal illum jiżviluppaw qabel, jagħmluha mal-ħbieb qabel u jrabbu ċerta liberta' minn kmieni fil-ħajja. Ġeneralment huma jsibu ħafna okkażjonijiet mal-ħbieb speċjalment fil-*weekends* fejn ikunu jistgħu jixorbu. Meta ikunu fi grupp iħossuhom iktar siguri u hija ħaġa naturali li meta tkun fil-kumpanija tixrob iktar. Normalment jixorbu biex iħossuhom iktar ferħana, iżda jiġri li jaqbżu l-limitu u jispiċċaw fis-sakra. Meta imbagħad ikunu taħt l-effett ta' l-alkoħol jitilfu kull kontroll fuqhom infushom u jispiċċaw jagħmlu affarijiet li wara jiddispjaċihom li għamluhom. Mhux l-ewwel darba li żgħażagħ jiddaħlu l-isptar f'sakra ma jarawx art u maħsula b'dak li jkunu għadhom kemm irrimettew! Iċ-ċans li jweġġgħu minħabba xi waqa jew ħabta huwa kbir u każijiet ta' din ix-xorta huma komuni fil-*weekends*.

Din nistgħu nsejħulha l-kultura jew il-moda ġdida tax-xorb. Bħala poplu Mediterranju aħna nies li nħobbu l-kumpanija u l-festi. F'kull belt u raħal jiċċelebraw xi żewġ festi u għal kull ħaġa ta' xejn kull ħadd jixrob. Barra minn hekk ix-xorb waqt it-tigijiet huwa xi ħaġa ta' l-għaġeb. Aħna ma nafux nieħdu gost b'xulxin billi nixorbu grokk jew tnejn iżda rridu nibdew ngħidu l-ħmirijiet biex forsi jwaqqfuna mix-xorb.

Raġuni oħra għaliex it-tfal tagħna jidraw jixorbu minn kmieni hija l-ammont ta' xorb alkoħoliku li jinsab fid-djar tagħna. Min ma jżommx flixkun *whisky* jew inbid id-dar? Ħafna tfal jaraw lill-ġenituri tagħhom jixorbu l-inbid id-dar speċjalment meta l-istess inbid ikun magħmul id-dar stess. Hemm min jixrob fixkun inbid kuljum, u minn għalih li ma jixrobx għax iħalltu bil-luminata! L-eżempju għandu jibda mid-dar u l-ewwel pass għandu jiġi minna l-kbar u ma nidrawx nixorbu ta' kuljum fid-dar. Tazza inbid tajba ħamra tagħmel il-ġid liċ-ċirkulazzjoni tad-demm u din għandna neħduha b'dan l-iskop u mhux biex sempliċiment nixorbu għax għandna d-drawwa. Aħna ma nistgħux ngħidu lill-uliedna tixorbux u nibqgħu ta' kuljum inlegilgu. Uliedna jidħku bina u meta jkollhom l-okkażjoni jixorbu huma wkoll. Irridu nieqfu aħna u nitkellmu ma' wliedna dwar dan is-suġġett fil-miftuħ u ma nkunux ipokriti. Għandu jkollna sens ta' kontrol fuqna nfusna biex uliedna jidraw jikkontrollow huma wkoll.

Bla dubju ta' xejn l-użu ta' l-alkoħol f'Malta qiegħed jiżdied. "Sedqa", l-agenzija Governattiva, flimkien mal-Fundazzjoni OASI qegħdin jagħmlu xogħol tajjeb f'dan ir-rigward permezz ta' fuljetti informattivi u attrajenti, *slots* fuq it-televizjoni u




importanti ħafna, kampanja qawwija fl-iskejjel anke primarja bħala prevenzjoni. L-abbuż mill-alkoħol huwa meqjus bħala marda minn xi wħud (Nikken) u bħala drawwa minn oħrajn (Schaler). Għalhekk l-opinjonijiet kif is-socjeta' għandha tikkontrolla din il-problema huma diversi u kontrastanti. Esperti f'din il-materja ma jaqblux ma' xulxin dwar dan.

Iżda mingħajr ma nidħlu f'argumenti nistgħu ngħidu li kemm il-fattur ġenetiku u kemm dak ambjentali u soċjali huma importanti u t-tnejn flimkien iwasslu biex dak li jkun jispiċċa dipendenti fuq l-alkoħol bħal ma jispiċċaw dawk li jabbużaw mill-kalmanti, sigaretti u drogi. Ħadd ma jitwieled sakranazz u lanqas issir hekk f'daqqa. Hafna darbi l-ftit ta' kuljum iwassal għal iktar u bil-ftit il-ftit tidħol id-drawwa u jsir vizzju jew marda. Aktarx nibdew billi ta' spiss naċċettaw meta joffrulna nixorbu, jew minħabba ċirkustanzi ta' xogħol jew laqgħat soċjali. Għall-ewwel nistgħu nieqfu mingħajr diffikulta', iżda jiġri li wara ċertu żmien ikun diffiċli biex nieqfu u insiru dipendenti fiżikament u psikoloġikament.

Min-naħa l-oħra l-"moda ġdida" fost iż-żgħażagħ tagħna tax-xorb eċċessiv *fil-weekends* hija tendenza differenti li żgur ma' għandiex fatturi ġenetiċi! Il-konsegwenzi qed ikunu kbar kemm fuq is-saħħa personali taż-żgħazagħ kif ukoll fuq is-soċjeta'. Żdiedu n-numru ta' inċidenti tat-traffiku speċjalment *fil-weekends* kawza tax-xorb żejjed u żdiedu n-numru ta' ġranet ta' xogħol u skola mitlufa minħabba l-effetti tax-xorb *fil-weekends* u r-*rave parties* u dawk privati li qed ikunu organiżżati f'dan l-aħħar żmenijiet b'detriment għaż-żgħażagħ tagħna. Malta zgħira u l-ħsara iktar tidher milli f'pajjizi kbar. Il-konsegwenzi fuq iż-żgħażagħ tagħna jinħassu iktar. Jiena ta' l-opinjoni li għandna nkunu stretti fuq dawn l-affarijiet u l-liġijiet għandhom ikunu nfurzati mingħajr riserva. Dan għax l-isfruttament taż-żgħażagħ waqt dawn l-attivitajiet jilħaq l-aqwa tiegħu u tistagħġeb x'argumenti jġibu dawn it-talin biex jiġġustifikaw għemilhom. Iż-żgħażagħ għandhom jagħrfu japprezzaw iktar is-saħħa u s-sbuħija tal-ħajja mingħajr alkoħol u drogi.




# ZEBBUXA

*isem*
*marbut mat-tradizzjoni*
*u l-progress ta' l-Għawdxin*



**Aktar minn 150 sena ta' esperjenza**
**u servizz kummercjali, bl-aqwa**

# SUPERMARKET

Ejja żurna fi Triq Sant'Antnin, Mgarr
għal prodotti ġenwini bl-irħas prezzijiet
Tel. 551555 jew 556065

BOOKMARK

## *EDWARD XUEREB, La natura dell'ordinamento vaticano e la sua evoluzione durante il pontificato di Giovanni Paolo II, Malta 1999.*




Għalkemm f'pajjiżna m'għandniex Konkordat mas-Santa Sede, jeżistu ħames Akkordi li jirregolaw suġġetti varji li huma ta' nteress kemm għall- Knisja, kif ukoll għall-Istat Malti. Id-diskussjoni li kienet tqum fil-pajjiż waqt li kienu jinħadmu dawn l-Akkordi, kienet tikxef li huma diversi dawk li ma jagħmlux għażla bejn il-Knisja Kattolika, is-Santa Sede u l-Vatikan u frott ta' din il-konfużjoni, ġie li kienu jinġibdu konklużjonijiet żbaljati.

Sa ftit ilu, wieħed li kien jixtieq ikollu f'idejh letteratura serja li tispjega n-natura u d-distinzjoni bejn dawn it-tlett realtajiet, kien ikollu jirrikorri għal kitba ta' xi awtur barrani. Illum, iżda, għandna f'idejna ktieb riċenti, *La natura dell'ordinamento vaticano e la sua evoluzione durante il pontificato di Giovanni Paolo II*, li għalkemm miktub bit-taljan, huwa tal-kollega fitTribunal Djoċesan, Rev. Dr. Edward Xuereb, ex-student tiegħi fil-Fakulta' tat-Teoloġija tas-Seminarju t'Għawdex. Permezz ta' dan il-ktieb, l-awtur jiddeskrivi u janalizza s-sistema ġuridika tal-Belt tal-Vatikan u l-iżviluppi li saru fir-rigward fi żmien il-Papa attwali u fost ħwejjeġ oħra, jgħin ħafna biex jiġu ċċarati dawn il-kunċetti.

Infatti, il-ktieb hu maqsum f'żewġ partijiet prinċipali. Fl-ewwel parti, magħmula minn tlett kapitli, l-awtur b'mod mirqum jagħti deskrizzjoni tan-natura ta' l-ordinament tal-Vatikan, jew aħjar ta' dik id-dixxiplina li tirregola l-attivita' ġuridika ta' l-Istat tal-Vatikan. Ikkonsidratai l-karatteristiċi ta' dan l-Istat, hu evidenti li huwa Stat uniku fil-ħajja politika u ġuridika tal-popli. Infatti, il-Vatikan jeżisti biss biex il-Knisja u s-Santa Sede, li hi l-ogħla organu tal-Knisja, ikollhom dik l-awtonomija fl-eserċizzju ta' awtorita` reliġjuża u spiritwali fuq livell internazzjonali. Din il-finalita' hi sanċita fit-Trattat tal-Lateran tal-11 ta' Frar 1929 li sar bejn is-Santa Sede u r-Renju ta' l-Italja, liema trattat internazzjonali ħoloq l-istess Stat tal-Vatikan.

It-tieni parti tal-ktieb iddur madwar it-tripartizzjoni tradizzjonali ta' l-attivita' sovrana ta' l-Istat u tikkunsidra l-iżviluppi li kien hemm tul dawn il-21 sena tal-Pontifikat ta' Ġwanni Pawlu II f'dak li jirrigwarda l-isfera tal-poter leġislattiv (Kapitlu 4), l-eżerċizzju tal-poter amministrattiv (Kapitlu 5), u l-istituzzjonijiet ġudizzjarji u l-kompetenza tagħhom (Kapitlu 6). Nosservaw li l-organi msemmija jirrigwardaw biss lid-dipendenti u liċ-ċittadini tal-Vatikan u għalhekk huma distinti minn dawk il-persuni jew korpi li għandhom is-setgħa leġislattiva, esekuttiva jew ġudizzjarji fil-Knisja bħala poplu t'Alla. Meta tqalleb dan il-ktieb f'idejk, tapprezza mhux biss it-temi nteressanti esplorati mill-awtur b'metodu xjentifiku u fl-istess ħin bi stil tassew mexxej, iżda ukoll il-kotra ta' rifernzi li hemm fil-footnotes, li jkomplu jarrikkixxu l-istudju. Il-bibliografija dettaljata li hi nkorporata mal-ktieb hi xhieda tar-riċerka li għamel l-awtur u żgur hi utli għal dawk li jixtiequ japprofondixxu dan is-suġġett.

Oriġinarjament dan l-istudju ġie ppreżentat bħala teżi li l-awtur iddefenda f'Lulju tas-sena li għaddiet fl-Universita' Lateranensi biex kiseb il-lawrja *in utroque iure*, jiġifieri fil-liġi kanonika u fil-liġi ċivili. Il-fatt li Fr. Xuereb kiseb l-ogħla unuri (*summa sum laude*) u ġie lilu propost li t-teżi tiġi ppublikata fil-kollana ta' teżi ġuridiċi kurata mill-istess Universita`, huma konferma tal-kwalita` ta' l-opra li għandna f'idejna.

Kopji tal-ktieb jinkisbu mingħand l-awtur (tel. 554443) jew mil-*Lumen Christi Bookshop* Triq Fortunato Mizzi, Victoria (tel. 560496; fax. 561860)

***Rev. Dr. Mario Grech***
***Vigarju Ġudizzjali - Għawdex***

# Għawdex Sportiv

## Il-Polz ta' l-isports Għawdxi... ...x'jista' jsir għal titjib



Kif inhi s-sitwazzjoni ta' l-isports Għawdxi? Mistoqsija li ssirli diversi drabi minn entitajiet differenti. L-ewwelnett, ngħid mingħajr tlaqlieq, li l-isports t'Għawdex inġenerali għamel ċertu progress, iżda ngħid ukoll, u dan bl-ikbar responabbilita`, li għad baqa' ħafna x'naqdfu. Madankollu hemm lok fejn wieħed jista' jtejjeb il-livelli. Ejjew naraw ftit kif.

Biex dan it-titjib iseħħ, trid tinħoloq struttura soda biex l-atleti jkunu jistgħu jsegwu programm sħiħ u adattat u b'hekk kull atleta jkun jista' jimxi 'l quddiem fid-dixxiplina sportiva u partikolari tiegħu. Biex dan il-progress isir, idealment iridu jiġu nkorporati sports u edukazzjoni flimkien, sports selettiv u sports għal familja kollha nkluż dak għal persuni b'diżabilita'.

L-isports għandu jkollu post iżjed prominenti u jrid jiġi ntegrat fis-sistema edukattiva ta' pajjiżna. Bla dubbju s-sistema attwali tista' titjieb fejn għandu jiġi allokat iktar ħin għall-isports. Għandu jkun hemm għalliema u *coaches* speċjalment fi sports partikulari fejn it-tfal għandhom jiġu ndikati f'liema sport l-iktar li jistgħu jagħmlu l-grad biex dawn jibdew jirċievu t-taħriġ speċjalizzat f'dik id-dixxiplina partikolari. U dan mhux biżżejjed. L-isports għandu wkoll jibda jitqies bħal kwalunkwe suġġett akkademiku ieħor fejn min jilħaq il-livell meħtieġ għandu jingħata ċertifikat akkademiku u b'hekk żgur l-istudenti jkunu motivati iktar fl-isports.

Ferm inkoraġġanti kien il-pass għaqli tal-Ministeru għal Għawdex li bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali meta f'Ottubru tas-sena l-oħra ġiet imwaqqfa Skolasport-Għawdex. Inizjattiva ferm pożittiva li minnha qed igawdu mijiet ta' tfal Għawdxin. Ma rridx nagħti l-impressjoni li hawn kollox perfett, pero b'iktar caoches kwalifikati u speċjalizzati żgur li l-interess fl-isports Għawdxi ser ikompli jikber. Kif ukoll wieħed imbagħad jistenna ċerti riżultati nkoraġġanti biex ikompli jgħola l-livell tal-isports fil-gżira tagħna.

Fattur ieħor importanti li jgħin fl-iżvilupp tal-isports huwa li dan għandu jkompli jinfirex fl-oqsma kollha tas-soċjeta. Iridu jinħolqu opportunitajiet għal kulħadd inklużi għal dawk bi bżonnijiet speċjali. Trid tikber il-mentalita sportiva mibnija fuq il-valuri tal-fair play. Mentalita` li trid tiġi mplimentata qabel kulħadd mill-ġenituri. Imbagħad irid ikun hemm kontinwazzjoni fl-iskejjel.

Personalment naħseb li f'Għawdex jeżisti talent sportiv ta' ċertu livell. Għalhekk huwa ta' mportanza kbira l-ħolqien jew f'ċerti każi t-tkomplija ta' programmar tajjeb u fit-tul. B'investiment tajjeb wieħed ikun qed jimxi fid-direzzjoni idejali li finalment twassal għas-suċċess.







jikteb Joe Bajada

B'investiment wieħed jifhem il-ħolqien ta' iktar faċilitajiet sportivi u titjib f'dawk eżistenti. Trid issir manutenzjoni b'mod regulari, fil-waqt li l-atleti kollha mportanti li jibżgħu għall-istess faċilitajiet li jużaw.

Aħna l-Għawdxin m'għandniex għax ingergru minn dan l-aspett. Jeżistu faċilitajiet sportivi popolari ta' livell għoli bħal *Gozo Stadium* u l-kumpless Sportiv fir-Rabat. Hemm oħrajn fi stadju avvanzat bħal korsa taż-żwiemel u x- *Shooting Range*. Dan l-aħħar rajna wkoll il-ħolqien ta' kumpless sportiv fis-Seminarju, proġett ambizzjuż u ta' livell. Rajna wkoll riċentament il-ftuħ uffiċjali ta' Ċentru Sportiv mill-isbaħ f'Kerċem. Minbarra l-ground tal-futbol, issa wkoll il-klabb ta' Kerċem Ajax, pitches tal-boċċi u tat-tennis, kif ukoll playing-field. Kollox inkorporat flimkien. Ideja sabiħa maħluqa mill-ħaddiema tal-Gvern tas-CMU u diversi voluntiera mill-istess Kerċem.

Kemm huwa mportanti s-sehem tal-voluntarjat; jixhdu propju dan il-proġett li bla dubju



huwa l-għira sportiva għall kull klabb ieħor tal-futbol Għawdxi. L-appell tiegħi huwa wieħed ċar biex ilkoll naħdmu f'direzzjoni ewlenija. B'hekk inkunu qed nuru l-importanza tal-isports. Ilkoll nemmnu li l-isports għandu valur kbir fil-ħajja tal-bniedem. Aħna nifhmu li l-isports huwa mezz ta' għaqda, solidarjeta, edukazzjoni u kultura. Għalhekk nibżgħu għalih għax bih iż-żgħażagħ tagħna jibnu karattru tagħhom u jgħarfu japprezzaw id-dixxiplina fihom infushom.

Gozo Truck Transport
**Imperial Eagle**
Gozo Truck Transport
*Mon - Fri at Pinto Wharf from 7.30 a.m. - 11.00 a.m.*
**Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Tel: 554929
Bishop Buttigieg Str., 376193
Qala, Gozo. Mobile: 0944 6521

PAUL SCIBERRAS MSC
PSYCHOLOGIST & PSYCHOTHERAPIST
Stress and Anxiety Management
depression, Marital, Family
& Relationship Problems
60, Manoel de Vilhena Str, Gzira - Malta
Tel: 317446 Mob: 097 7291



# Mid-dinja Teknoloġika

rubrika ta' **Pierre J. Mejlak**

## 3,000,000 online għall-kunċert



Ftit tal-ġimgħat ilu, tliet miljun ruħ attendew kunċert mingħajr ma kellhom bżonn jaqtgħu biljett, jistennew għal sigħat twal fil-queue biex imbagħad forsi jkunu 'l bogħod wisq biex jaraw il-kantant. Dawn il-miljuni attendew għall-kunċert Digital Club Festival 2000. Għadd ta' kantanti u gruppi magħrufa, bħal Blink-182, Wu Tang Clan u t-trio tal-jazz Medeski, Martin & Wood telgħu fuq il-palk bl-ispettaturi quddiem l-iscreens tal-computer tagħhom fil-kumdita' ta' darhom. Andrew Rasiej, il-fundatur ta' Digital Club Network qal li l-kumpanija tkun taf kemm hemm nies qed jaraw il-kunċert fi djarhom minn apparat speċjali li jirreġistra kull dħul fil-website.

Għal Rasiej l-idea ta' festival online hija l-istess bħall-festival ta' veru pero' jagħti l-faċilita' lil dawk li ma jistgħux imorru fiżikament, biex jarawh mill-kumdita' ta' kamarthom. Bosta bands magħrufa huma favur dawn it-tip ta' kunċerti, li jaslu biex iħallu qliegħ tajjeb ukoll. Il-grupp Blink-182 għadu kemm tella' kunċert għall-kumpanija Napster, li qiegħda f'battalja legali mar-Recording Industry Association of America dwar ksur ta' drittijiet. Ħafna bands jemmnu li d-dehra tagħhom fid-dinja virtwali tista' twassal biex jilħqu fans minn madwar id-dinja u jżidu l-popolarita' tagħhom. Riżultat t'hekk, id-diski tagħhom jinxtraw aktar.

Il-festival ta' mużika beda fl-1994. Dak inhar kien hemm biss servizz ta' ritratti u artikli u kompla s-sena li għaddiet meta xxandru 'live' 300 band f'25 post differenti fi New York. Din is-sena l-kumpanija nafqet $450,000 biex tinstalla apparat speċjali għax-xandir fuq l-internet fi 30 post differenti, fejn ser isiru l-kunċerti. Ix-xandira kollha, mifruxa fuq tliet ijiem, ġiet tiswa madwar $2 miljun.

Bħal f'kull kunċert ieħor, l-attrazzjoni ma kenitx biss il-palk. Kien hemm postijiet fejn tixtri T-shirt kommemorattivi, CD's u saħansitra birra u ikel u dan kollu online!! It-telespettaturi kellhom ukoll l-opportunita li jiddiskutu l-andament tal-kunċert f'bosta kmamar ta' diskussjoni.

F'Malta wkoll bdiet dieħla l-idea ta' kunċerti online. L-ewwel kunċert Malti li ntwera 'live' fuq l-internet kien ta' Freddie Portelli fil-website www.di-ve.com.

# Okkażjoni partikulari?...

## Ikla Speċjali!...

## F'AMBJENT NATURALI!...

## Pasta Taljana... minn Kok Taljan!





IL-KENUR

Bar & Restaurant

Xlendi Road, Gozo.

Tel: 551583 - Fax: 563282

*Miftuħin għalik kuljum, biex bl-aħjar ikel inservuk!*


The All-new CELICA
Face-to-face with Excitement
Front on, the assertive stance and stylish poise
ignite a passion for driving excitement.
Futuristic headlamps and aggressive air intake
meld form with function.
Open up the New Celica!
CELICA
TOYOTA
debono
Rohan Arch, Zebbug. Tel: 465806 / 465642
PARDI ENTERPRISES LTD.
Gozo Dealer - Tel: 556678 / 553715